

Il-politika tal-UE dwar id-difiża fiċ-ċentru tal-attenzjoni



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI

Werrej

Paragrafu

01–11 | **Messaġġi prinċipali**

01–07 | Ir-rapport analitiku

08–11 | Sfidi u opportunitajiet

12–83 | **Ħarsa aktar mill-qrib**

12–31 | Kuntest li qed jinbidel u ambizzjoni tal-UE li qed tikber

12–19 | Skattaturi għall-bidla

20–26 | Qafas ta' governanza ankrat fit-Trattati

27–31 | Żieda fil-livell ta' ambizzjoni tal-UE

32–54 | Azzjonijiet tal-UE: nimxu lejn il-preparatezza u approċċ dejjem aktar strutturat

32–40 | Żieda qawwija fl-infiq fid-difiża tal-Istati Membri u żieda qawwija fl-istrumenti finanzjarji tal-UE

41–44 | Regoli aġġornati biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-fondi u tittejjeb il-mobbiltà militari

45–47 | Qafas ta' governanza li qed jevolvi

48–54 | L-iżvilupp ta' sħubija fil-qasam tad-difiża mal-Ukrajna u rabtiet aktar mill-qrib man-NATO u ma' sħab oħra

55–83 | Sfidi u opportunitajiet li jirriżultaw mill-politika tal-UE dwar id-difiża li qed tevolvi

55–63 | L-iżvilupp ta' kapaċitajiet tad-difiża.

64–71 | Sfidi marbuta mal-finanzjament

72–75 | Approċċi ġodda għall-kooperazzjoni u għall-preparatezza fil-qasam tad-difiża tal-UE

76–83 | Arranġamenti kumplessi ta' governanza u akkontabbiltà

Annessi

Anness I – L-EDIP — sett ta' għodod integrat għad-difiża tal-UE

Anness II – Klawżoli ta' preferenza tal-UE fl-istrumenti ta' finanzjament tad-difiża

Anness III – Stampa ġenerali tal-finanzjament mill-UE allokat għad-difiża matul il-perjodu 2021–2027 skont il-pajjiż⁽¹⁾ u skont l-istrument ta' finanzjament f'April 2026.

Anness IV – Pubblikazzjonijiet rilevanti tal-QEA

Abbrevjazzjonijiet

Glossarju

Tim tal-QEA

Messaġġi prinċipali

Ir-rapport analitiku

01 Is-sitwazzjoni tas-sigurtà tal-UE nbidlet drastikament matul dawn l-aħħar ftit snin. Il-gwerra ta' aggressjoni fuq skala sħiħa mir-Russja kontra l-Ukrajna li bdiet fil-bidu tal-2022, iżda wkoll it-taqlib ġeopolitiku b'kunflitti li qed jiżdiedu madwar id-dinja u l-erożjoni tal-ordni multilaterali globali, wasslu lill-Istati Membri tal-UE biex jirrealizzaw li l-UE jeħtieġ li ssir aktar kapaċi fl-oqsma tas-sigurtà u tad-difiża. Dan immarka bidla fil-politika tal-UE dwar id-difiża, mill-ġestjoni tal-kriżijiet u r-rispons għall-kriżijiet barra mill-UE lejn fokus akbar fuq il-prontezza tad-difiża tal-Istati Membri.

02 Konsegwentement hemm ħtieġa urġenti li jiżdiedu l-kapaċitajiet tal-produzzjoni tad-difiża Ewropea u li l-Istati Membri jsaħħu l-kapaċitajiet tagħhom stess f'dan il-qasam. Madankollu, il-bażi industrijali u teknoloġika tad-difiża Ewropea (EDTIB) intlaqtet minn snin ta' nuqqas ta' investiment u kooperazzjoni insuffiċjenti bejn l-Istati Membri. Dan wassal għal ħażniet insuffiċjenti ta' munizzjon u missili, żminijiet twal meħtieġa għall-eżekuzzjoni fil-manifattura ta' prodotti tad-difiża, dipendenza qawwija fuq fornituri mhux Ewropej u konġestjonijiet fin-networks tat-trasport. B'rispons għas-sitwazzjoni, l-UE nediet diversi inizjattivi għall-Istati Membri biex jikkollaboraw u jgħaqqdu l-isforzi tagħhom ħalli jsaħħu l-EDTIB.

03 L-għan ta' dan ir-rapport analitiku huwa li jipprovdi aġġornament dwar ix-xenarju tad-difiża tal-UE mindu ppubblikajna r-[rapport analitiku tagħna dwar id-difiża Ewropea fl-2019](#), u li jenfasizza r-riskji, l-isfidi u l-opportunitajiet assoċjati ma' inizjattivi reċenti tal-UE fil-qasam. Beħsiebna nipprovdu lill-partijiet ikkonċernati tagħna informazzjoni u analiżi rilevanti tal-politika tad-difiża tal-UE u l-aktar żviluppi reċenti tagħha, b'mod partikolari dwar problemi sinifikanti relatati mal-ġestjoni finanzjarja, mal-governanza, mat-trasparenza u mal-akkontabbiltà. Nirreferu wkoll għall-messaġġi ewlenin mix-xogħol preċedenti li wettaqna dwar is-suġġett.

04 Filwaqt li huwa rikonoxxut li hemm twessigħ tal-approċċi tas-sigurtà u tad-difiża fl-UE li jinkludu t-theddid ibridu, iċ-ċibersigurtà u l-preparatezza ċivili, dawn jaqgħu barra mill-ambitu ta' dan ir-rapport analitiku. Bl-istess mod, ir-rapport analitiku tagħna ma jiffukax fuq oqsma bħas-sigurtà tal-provvista ta' materja prima kritika, l-intelliġenza u l-komunikazzjoni sigura permezz ta' teknoloġiji bbażati fl-ispazju — għalkemm nirrikonoxxu l-importanza tagħhom għad-difiża.

05 Ir-rapport analitiku tagħna jiġbor flimkien informazzjoni mill-partijiet ikkonċernati istituzzjonali u mhux istituzzjonali responsabbli mill-implimentazzjoni tal-politika tad-difiża tal-UE: l-atturi tal-UE, l-industrija tad-difiża u għadd ta' esperti tal-politika tal-UE dwar id-difiża. Eżaminajna l-leġiżlazzjoni, id-dokumenti ta' politika, ir-rapporti u x-xogħol tal-awditjar preċedenti tal-UE, flimkien ma' studji minn istituzzjonijiet ta' riċerka, minn gruppi ta' riflessjoni u mid-dinja akkademika. Kellna diskussjonijiet mal-Kummissjoni Ewropea, mas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mal-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, mas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill, ma' rappreżentanti mill-industrija Ewropea tad-difiża, man-NATO u ma' esperti tal-politika.

06 Ir-rapport analitiku jkopri l-perjodu mill-2020 sa Lulju 2026. Enfasizzajna l-aktar bidliet reċenti u ħadna kont tal-aħħar żviluppi fil-politika tal-UE dwar id-difiża.

07 Dan mhuwiex rapport tal-awditjar; dan huwa rapport analitiku prinċipalment ibbażat fuq informazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku jew fuq materjal li nġabar speċifikament għal dan l-iskop.

Sfidi u opportunitajiet

08 It-Trattati jankraw fis-sod id-difiża fi ħdan is-sovranià tal-Istati Membri, u d-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu b'mod unanimu u b'limiti fuq l-azzjoni supranazzjonali tal-UE (il-paragrafu 22). Madankollu, speċjalment mill-2022 'il hemm, kemm l-Istati Membri kif ukoll l-istituzzjonijiet tal-UE ħadu azzjoni biex isaħħu d-difiża tal-UE (il-paragrafi 27–31).

09 L-Istati Membri żiedu drastikament l-infiq tagħhom fid-difiża, li bejn l-2020 u l-2025 żdied bejn wieħed u ieħor b'79 %. Huma allokaw dawn il-flus biex iżidu l-kapaċitajiet militari tagħhom u jappoġġaw lill-Ukrajna (il-paragrafi 32–34). Barra minn hekk, huma stiednu lill-Kummissjoni u lir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, li hija wkoll il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, biex iniedu l-inizjattivi meħtieġa ħalli sal-2030 l-UE tikseb il-prontezza tad-difiża. Id-dokumenti strateġiċi ċentrali li jappoġġaw dan il-livell ġdid ta' ambizzjoni huma l-[Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża](#) u l-[White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030](#) (il-paragrafi 28–29).

10 Għalkemm il-baġit tal-UE huwa pprojbit milli jiffinanzja operazzjonijiet b'implikazzjonijiet militari jew ta' difiża, jista' jintuża biex isaħħaħ l-EDTIB permezz tal-politika industrijali għad-difiża (il-paragrafi 20–26). In-nefqa fid-difiża tal-UE baqgħet relattivament modesta sal-2021, b'allokazzjoni ta' EUR 590 miljun. Madankollu, mill-2021, kien hemm żieda sinifikanti hekk kif l-UE nediet firxa ta' strumenti mmirati biex irawmu kooperazzjoni transfruntiera akbar fil-qasam tad-difiża u jhegħgu lill-Istati Membri jiżviluppaw u jakkwistaw b'mod konġunt kapaċitajiet u prodotti fl-UE u fil-pajjiżi assoċjati. Kull strument jimmira lejn objettivi speċifiċi fi stadji differenti taċ-ċiklu tal-ħajja tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet. Xi wħud mill-istrumenti kienu miżuri ta' emerġenza stabbiliti wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni fuq skala sħiħa mir-Russja kontra l-Ukrajna, iżda dawn ittrasformaw ruħhom fi programmi għal żmien twil biex isaħħu d-difiża Ewropea. Fil-perjodu 2021–2027, ġew allokati EUR 11.3-il biljun għal programmi relatati mad-difiża u madwar EUR 20.6 biljun ġew diretti mill-ġdid minn fondi oħra lejn objettivi tad-difiża. Barra minn hekk, sa EUR 150 biljun f'self se jkunu disponibbli għall-Istati Membri. Il-finanzjament għad-difiża fil-livell tal-UE huwa mistenni li jkompli jiżdied fiċ-ċiklu baġitarju li jmiss, skont l-approvazzjoni tal-baġit propost għall-perjodu 2028–2034. Dan kollu jimmarka mument kruċjali għall-EDTIB, billi — għall-ewwel darba — l-iżvilupp u l-integrazzjoni tagħha huma objettiv ewlieni tal-istrateġija industrijali Ewropea (il-paragrafi 36–39, 41).

11 Identifikajna diversi opportunitajiet, sfidi u riskji assoċjati mal-iżviluppi msemmija hawn fuq.

- Il-kuntest tas-sigurtà diffiċli flimkien ma' livell ogħla ta' finanzjament jiftaħ opportunitajiet biex jiġu estiżi l-kapaċitajiet tal-EDTIB, jiġu xprunati l-innovazzjoni u t-teknoloġiji b'użu doppju, u jiġu żviluppati forom ġodda ta' kooperazzjoni bħal raggruppamenti tad-difiża u koalizzjonijiet tal-kapaċitajiet. Dan filwaqt li jissaħħu s-sħubijiet strateġiċi, b'mod partikolari mal-Ukrajna (il-paragrafi [55–56](#), [72–73](#)).
- Minkejja l-pjanijiet ambizzjużi tal-UE u ż-żieda fl-infiq, il-ksib tal-prontezza tad-difiża sal-2030 tikkostitwixxi sfida, minħabba restrizzjonijiet kbar li għaddejjin. Koordinazzjoni insuffiċjenti fost diversi flussi ta' finanzjament mill-UE, kif ukoll bejn il-finanzjament mill-UE u dak nazzjonali, flimkien man-nuqqas ta' proċess ta' ppjanar tal-UE effettiv u minn fuq għal isfel jaf iwasslu għal investimenti frammentati, duplikazzjoni jew lakuni persistenti fil-kapaċitajiet. Il-finanzjament xorta jaf ma jkunx adegwat biex jindirizza l-prijoritajiet tad-difiża maqbula, u l-allokazzjoni ta' finanzjament addizzjonali ma tissarrafx immedjatament f'kapaċitajiet operazzjonali, billi dawn jeħtieġu ż-żmien biex jiġu żviluppati (il-paragrafi [57–63](#)).
- Li jiġu inċentivati l-Istati Membri biex jakkwistaw is-sistemi ta' difiża tagħhom mill-fornituri Ewropej permezz ta' klawżoli ta' preferenza tal-UE jista' jkun mod kif jitnaqqsu d-dipendenzi fuq fornituri mhux Ewropej għal żmien twil. Madankollu, dan ikollu jiġi bbilanċjat bi ħtiġijiet operazzjonali għal żmien qasir (il-paragrafi [55–59](#)).
- Jekk ma tiġix implimentata b'mod adegwat, iż-żieda fil-finanzjament iġġib magħha riskji ta' implimentazzjoni, bħal li jkun hemm impatt limitat fuq l-indirizzar tal-lakuni fil-kapaċitajiet minħabba rati għoljin ta' inflazzjoni, jew li jkun hemm miri ta' nfiq mingħajr rekwiżiti ta' prestazzjoni relatati. Dan jista' jirriżulta wkoll f'konġestjonijiet ta' materjali, komponenti ewlenin jew persunal imħarreġ, li jagħmluha diffiċli li jintużaw il-fondi allokat (il-paragrafi [64–67](#)).
- L-użu dejjem akbar tal-infiq fid-difiża ffinanzjat b'dejn, is-self appoġġat mill-UE u l-attivazzjoni ta' klawżoli ta' flessibbiltà jaf jimminaw is-sostenibbiltà fiskali billi jnaqqsu r-ritmu tat-tnaqqis tad-dejn pubbliku, iżidu l-obbligazzjonijiet kontinġenti u jqiegħdu pressjoni addizzjonali fuq il-marġni ta' manuvra tal-baġit tal-UE. Dan fin-nuqqas totali ta' proviżjonament xieraq (il-paragrafi [65](#), [68](#)).
- Il-politika tad-difiża tal-UE hija kkaratterizzata minn qafas istituzzjonali kumpless u struttura ta' governanza f'diversi livelli. Dan joħloq sfidi sinifikanti ta' koordinazzjoni fost l-atturi differenti u jżid ir-riskju ta' responsabbiltajiet li jikkoinċidu. L-arranġamenti ta' akkontabbiltà finanzjarju huma ugwalment kumplessi, u jvarjaw skont l-istrument ta' finanzjament u l-entità involuta. In-nuqqas totali ta' mandat tal-awditjar għall-korpi u l-istrumenti kollha involuti jillimita l-kapaċità tal-QEA li twettaq bis-sħiħ ir-rwol tagħha ta' awditur estern (il-paragrafi [76–81](#)).

Ħarsa aktar mill-qrib

Kuntest li qed jinbidel u ambizzjoni tal-UE li qed tikber

Skattaturi għall-bidla

12 F'dawn l-aħħar snin, diversi avvenimenti biddlu l-attitudnijiet lejn id-difiża fl-UE kollha. Ir-riżultat huwa xenarju ta' politika ġdid u li qed jevolvi, imsawwar ukoll mis-sitwazzjoni tas-sigurtà globali, li ġeneralment qed tiddeterjora.

13 Il-gwerra ta' aggressjoni fuq skala sħiħa mir-Russja kontra l-Ukrajna bdiet fl-24 ta' Frar 2022 u rrappreżentat mument kruċjali għad-difiża Ewropea. Ir-ritorn ta' gwerra konvenzjonali u ta' intensità għolja fil-viċinat tagħha laqatlill-UE kemm ekonomikament kif ukoll politikament. Il-gwerra rriżultat fi tnaqqis fit-tkabbir tal-PDG tal-UE meta mqabbel mat-tbassir ta' qabel il-gwerra, u kriżi tal-enerġija u tal-għoli tal-ħajja li żiedet ir-rati tal-inflazzjoni¹. Barra minn hekk, aktar minn 4.5 miljun refuġjat Ukren ħarbu lejn l-Istati Membri tal-UE². Mill-aspett politiku, il-gwerra wasslet biex il-problemi ta' difiża jieħdu post ċentrali fl-UE b'mod li ma ġiex osservat fl-Ewropa mindu spiċċat il-Gwerra Bierda.

¹ [Economic impact of Russia's war on Ukraine: European Council response](#), is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, Frar 2024.

² [Ukraine Refugee Situation](#), Kummissarju Għoli tan-Nazzjonijiet Uniti għar-Refuġjati.

14 Ħafna qabel ma bdiet il-gwerra fl-Ukrajna, kooperazzjoni insuffiċjenti bejn l-Istati Membri kienet diġà ħolqot ineffiċjenzi fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet ta' difiża. L-EDTIB kienet intlaqtet minn snin ta' nuqqas ta' investiment (magħruf bħala d-“dividend ta' paċi”)³, u l-aċċess għall-finanzjament għadu jirrappreżenta restrizzjoni sinifikanti illum, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħira u ta' daqs medju (SMEs)⁴. Skont il-[Komunikazzjoni Konġunta dwar l-Analiżi tad-Diskrepanzi fl-Investimenti fid-Difiża u l-Approċċ Futur](#) ippubblikata f'Mejju 2022, il-Kummissjoni stmat li kieku l-Istati Membri kollha nefqu 2 % tal-PDG tagħhom fuq id-difiża mill-2006 sal-2020, dan kien ikun ifisser EUR 1.1 triljun addizzjonali għall-infiq fid-difiża⁵. Barra minn hekk, is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew (EPRS) stma li l-kost li jirriżulta min-nuqqas ta' azzjoni komuni fil-livell tal-UE (imsejjaħ il-“kost tan-non-Ewropa”) fl-infiq fid-difiża jvarja minn EUR 18-il biljun sa EUR 57 biljun fis-sena⁶.

15 Il-gwerra mir-Russja kontra l-Ukrajna kixfet vulnerabbiltajiet kbar fid-difiża fl-Istati Membri kollha tal-UE, li jirriflettu dawn id-deċennji ta' nuqqas ta' investiment. Il-ħażniet tal-UE ta' munizzjon u missili ma kinux biżżejjed meta ffaċċjati bid-domandi ta' appoġġ lil sieħeb involut fi gwerra ta' intensità għolja (il-[Kaxxa 1](#)). L-industrija qed tħabbat wiċċha ma' għexieren ta' snin ta' produzzjoni b'rata baxxa⁷ u żieda limitata fil-kapaċità industrijali għar-riforniment tal-ħażniet⁸. Dan huwa aggravat minn żminijiet twal meħtieġa għall-eżekuzzjoni fil-manifattura ta' prodotti tad-difiża. Barra minn hekk, ir-[rapport tagħna tal-2025 dwar il-mobbiltà militari](#) sab li l-konġestjonijiet fin-networks tat-trasport jolqtu l-mobbiltà militari, u b'hekk jillimitaw il-kapaċità tal-forzi Ewropej li jiċċaqilqu b'mod effiċjenti madwar il-kontinent. Għal stampa ġenerali tal-prodotti rilevanti tal-QEA, ara l-[Anness IV](#).

³ Sebastian Clapp, “EU Member States' defence budgets”, EPRS, Marzu 2026, p. 1.

⁴ Il-Kummissjoni Ewropea, “Access to equity financing for European defence SMEs”, 2024, p. 9.

⁵ JOIN(2022) 24, Komunikazzjoni Konġunta dwar l-Analiżi tad-Diskrepanzi fl-Investimenti fid-Difiża u l-Approċċ Futur, p. 5.

⁶ Marco Centrone u Meenakshi Fernandes, [Improving the quality of European defence spending. Cost of non-Europe report](#), is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, Novembru 2024.

⁷ Hannah Aries, Bastian Giegerich u Tim Lawrenson, [The Guns of Europe: Defence-industrial Challenges in a Time of War](#), Istitut Internazzjonali Għall-Istudji Strateġiċi, id-19 ta' Ġunju 2023.

⁸ Appoġġ militari tal-UE lill-Ukrajna, il-Kummissjoni Ewropea, l-24 ta' April 2026.

Kaxxa 1

Munizzjon tal-artillerija ta' 155 mm: it-tnaqqis tad-distakk bejn id-domanda għall-kamp tal-battalja u l-kapaċità industrijali tal-UE

L-artillerija tibqa' ċentrali għall-gwerra fl-Ukrajna, u tixpruna domanda sostnuta għal munizzjon ta' 155 mm. Fl-2022, il-forzi Ukreni sparaw madwar 6 000–8 000 proġetti kuljum (180 000–240 000 fix-xahar)⁹. Stimi aktar reċenti jindikaw 150 000–200 000 fix-xahar, meta mqabbla ma' 600 000 għar-Russja¹⁰.

B'mod komparattiv, il-produzzjoni tal-UE kienet limitata għal 300 000–400 000 proġetti fis-sena fl-2022, li jirrifletti għexieren ta' snin ta' tnaqqis fil-kapaċità industrijali tad-difiża Ewropea.

F'Marzu 2023, il-Kunsill tal-UE qabel dwar approċċ fuq 3 binarji li jikkonsisti minn (1) rimborż lill-Istati Membri tal-UE għal munizzjon u missili mogħtija lill-Ukrajna mill-istokkijiet eżistenti tagħhom, (2) l-akkwist konġunt ta' munizzjon tal-artillerija ta' 155 mm u l-komponenti tagħhom kif ukoll il-missili, u (3) żieda fl-appoġġ industrijali, b'mod partikolari permezz tal-[Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon](#) (ASAP), b'mira ta' 1 000 000 proġetti fi żmien 12-il xahar.

Minkejja d-dewmien, l-output żdied. L-Istati Membri fornaw miljun munizzjon tal-artillerija (proġetti u missili ta' 155 mm) lill-Ukrajna f'Novembru 2024¹¹, 8 xhur wara l-iskadenza ta' Marzu 2024 li kienet ġiet stabbilita f'Marzu 2023.

Sors: is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, [Reinforcing the EU's defence industry](#), Marzu 2026.

⁹ SWD(2024) 515, Commission staff working document for EDIP.

¹⁰ Euromaidan press, “Frontline report: Europe moves fast—for once—and floods Ukraine with shells”, it-2 Mejju 2025.

¹¹ Francesco Bortoletto, “EU managed to deliver one million shells to Kyiv”, EU News, l-20 Novembru 2024.

16 L-attakki ibridi laqtu dejjem aktar l-infrastruttura Ewropea u intensifikaw ukoll f'dawn l-aħħar snin. Dawn jinkludu sabotaġġ, it-tfixkil tal-infrastruttura kritika, attakki ċibernetiċi, manipolazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin, u tentattivi biex jiġu mminati d-demokrazija u l-proċessi elettorali¹². Il-kombinazzjoni ta' gwerra konvenzjonali u attakki ibridi wasslet biex l-UE u l-Istati Membri tagħha jiffukaw aktar fuq il-ħtieġa li jżidu l-kapaċitajiet ta' difiża tradizzjonali u jiġbru flimkien id-dimensjoni tas-sigurtà interna u esterna. Wasslet ukoll biex jieħdu approċċ "min-naħa tas-soċjetà kollha" għas-sigurtà u għall-preparatezza.

17 Minbarra l-gwerra fl-Ukrajna, is-sigurtà globali ddeterjorat ukoll f'aspetti oħra. It-taqbib ġeopolitiku bil-kunflitti li qed jiżdiedu madwar id-dinja, bħall-gwerer fil-Lvant Nofsani u l-erożjoni tal-ordni multilaterali globali¹³, xprunaw il-ħtieġa ta' awtonomija strateġika fl-UE. Id-deterjorament tas-sitwazzjoni tas-sigurtà seħħ b'mod parallel mal-bidliet fl-arkitettura tas-sigurtà u tad-difiża tal-Ewropa. Filwaqt li l-Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana (NATO) tibqa' pedament tad-difiża kollettiva għal dawk l-Istati Membri tal-UE li huma wkoll [alleati tan-NATO](#), żdied l-isforz tal-UE biex issaħħaħ l-awtonomija strateġika u tara li żgur ikun hemm kondiviżjoni akbar tal-piżijiet fi ħdan in-NATO. Għat-23 Stat Membru tal-UE li huma wkoll alleati tan-NATO, dan wassal għal aktar impenji għan-nefqa fid-difiża¹⁴ u l-ħtieġa li jiġi kkoordinat it-tiżiħ tal-kapaċitajiet ta' difiża tagħhom kemm fin-NATO kif ukoll fl-UE.

¹² L-attivitajiet ibridi tar-Russja: sanzjonijiet tal-UE, il-Kunsill Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, il-21 ta' April 2026.

¹³ Foresight report 2025 — Resilience 2.0 — Empowering the EU to thrive amid turbulence and uncertainty, il-Kummissjoni Ewropea, 2025.

¹⁴ Id-Dikjarazzjoni tas-Summit ta' The Hague maħruġa mill-Kapijiet ta' Stat u ta' Gvern tan-NATO li pparteċipaw fil-laqgħa tal-Kunsill tal-Atlantiku tat-Tramuntana f'The Hague fil-25 ta' Ġunju 2025.

18 Il-gwerra fl-Ukrajna enfasizzat ukoll il-frammentazzjoni u l-kumplessità tal-ktajjen tal-valur tal-industrija tad-difiża u d-dipendenza qawwija tagħha fuq fornituri mhux tal-UE. Mindu bdiet il-gwerra fl-Ukrajna sa Ġunju 2023, 78 % tal-akkwizzizzjonijiet fil-qasam tad-difiża mill-Istati Membri tal-UE nkisbu minn barra l-UE, u l-Istati Uniti waħedhom jirrappreżentaw 63 %¹⁵. Għalkemm hemm diversi metriċi biex titkejjel din id-dipendenza, dawn juru b'mod konsistenti li sehem sostanzjali tal-infiq fid-difiża tal-UE jmur għal fornituri mhux tal-UE, b'mod partikolari għall-Istati Uniti¹⁶¹⁷. Storikament, l-Istati Uniti esportaw konsiderevolment aktar lejn l-UE milli l-UE lejn l-Istati Uniti¹⁸. Filwaqt li sinjali bikrija jaf jindikaw dipendenza mnaqqsa fuq ix-xiri tal-armi mill-Istati Uniti¹⁹, l-UE żiedet ix-xiri tagħha mill-Istati Uniti fis-snin ta' wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni fuq skala sħiħa mir-Russja kontra l-Ukrajna²⁰. Dan wassal għal appelli biex iż-żieda Ewropea fl-infiq fid-difiża tkun dejjem aktar diretta lejn l-EDTIB.

¹⁵ JOIN(2024) 10, Komunikazzjoni Konġunta dwar Strateġija Ewropea ġdida għall-Industrija tad-Difiża.

¹⁶ Juan Mejino-López u Guntram B. Wolff, [Europe's dependence on US foreign military sales and what to do about it](#), Bruegel, it-13 Ottubru 2025.

¹⁷ Alex Burilkov, Katelyn Bushnell, Juan Mejino-López, Thomas Morgan u Guntram B. Wolff, [“Fit for war by 2030? European rearmament efforts vis-à-vis Russia”](#), Bruegel u l-Istitut ta' Kiel għall-Ekonomija Dinjija, Ġunju 2025.

¹⁸ Daniel Fiott, [The poison pill — EU defence on US terms?](#), l-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji fuq is-Sigurtà, Ġunju 2019.

¹⁹ Giuseppe Spatafora, [“The foreign policy-first president? US external action under Trump 2.0 — in data”](#), l-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji fuq is-Sigurtà, Frar 2026.

²⁰ Juan Mejino-López u Guntram B. Wolff, [Europe's dependence on US foreign military sales and what to do about it](#), Bruegel, it-13 Ottubru 2025.

19 Is-sejħa għal bażi industrijali aktar b'saħħitha tinsab fil-kuntest ta' żviluppi teknoloġiċi rapidi u kompetizzjoni globali akbar għar-riżorsi. L-innovazzjonijiet — bħat-teknoloġiji kwantistiċi, il-bijoteknoloġija, in-newroteknoloġija, il-materjali avvanzati u r-robotika — se jsiru dejjem aktar prominenti fl-10 snin li ġejjin²¹. Dawn jistgħu jintużaw kemm għal skopijiet ċivili kif ukoll militari u spiss jirrikjedu l-istess riżorsi. Il-materja prima strateġika hija daqstant importanti għat-teknoloġiji ekoloġiċi u diġitali daqskemm hija importanti għall-applikazzjonijiet tad-difiża u ajruspazjali²². L-UE bħalissa sserraħ ħafna fuq l-importazzjonijiet ta' dawn il-materjali, spiss minn pajjiż wieħed mhux tal-UE²³. B'dan il-mod, il-vulnerabbiltajiet fl-EDTIB huma relatati mal-problemi usa' tal-awtonomija strateġika u tas-sigurtà tal-provvista. Dan ifisser li oqsma oħra ta' politika qed jinkorporaw dejjem aktar perspettivi relatati mad-difiża. Dawn il-fatturi multipli u interattivi ħolqu sens ta' urġenza fir-rigward tad-difiża.

Qafas ta' governanza ankrat fit-Trattati

20 L-istituzzjonijiet, il-korpi, l-aġenziji tal-UE u l-Istati Membri ħadu azzjoni biex isaħħu d-difiża tal-UE mindu bdiet il-gwerra ta' aggressjoni fuq skala sħiħa mir-Russja kontra l-Ukrajna. Dawn l-azzjonijiet qed iseħħu fl-isfond ta' qafas ta' governanza msawwar mit-Trattati. Ir-rwol tal-istituzzjonijiet tal-UE tradizzjonalment kien limitat fil-qasam tad-difiża. It-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE), kif emendat fl-2007²⁴ u fis-seħħ mill-2009, introduċa l-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) u ddefinixxa b'mod aktar espliċitu r-rwoli attwali għall-atturi istituzzjonali fir-rigward tad-difiża. It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) jikkomplementa t-TUE, u jirregola kif l-UE topera s-suq intern u l-ekonomija tagħha, u jservi bħala l-bażi legali għall-istrumenti tal-industrija tad-difiża tal-UE (il-**Figura 1**).

²¹ Foresight report 2025 — Resilience 2.0 — Empowering the EU to thrive amid turbulence and uncertainty, il-Kummissjoni Ewropea, 2025.

²² Ir-Rapport Speċjali 04/2026: "Materja prima kritika għat-tranżizzjoni tal-enerġija — Il-politika mhijiex waħda soda".


²³ *Ibid.*

²⁴ It-Trattat ta' Lisbona li jemenda t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea.

21 Il-PSDK tiffirma parti mill-politika estera u ta' sigurtà komuni (PESK) u tittratta kwistjonijiet relatati mas-sigurtà tal-UE, inkluż “tfassil progressiv ta' politika ta' difiża komuni li tista' twassal għal difiża komuni”. Il-politika barranija ġenerali tal-UE hija mmexxija mill-Kunsill Ewropew (li jikkonsisti mill-kapijiet ta' Stat jew ta' gvern). Fi ħdan il-Kunsill tal-UE, id-difiża u s-sigurtà huma r-responsabbiltajiet tal-Kunsill Affarijiet Barranin (li jikkonsisti mill-ministri għall-affarijiet barranin, u l-ministri għad-difiża meta kwistjonijiet ta' difiża jkunu parti mill-aġenda). Is-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna (SEAE), inkluż l-Istat Maġġur tal-UE (EUMS), huwa l-fergħa diplomatika tal-UE u jaġixxi taħt l-awtorità tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà, li huwa wkoll il-Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea (RGħ/VP)²⁵. L-Aġenzija Ewropea għad-Difiża (EDA) hija aġenzija tal-UE, stabbilita fl-2004, li topera taħt l-awtorità tal-Kunsill tal-UE u tappoġġa lill-Kunsill u lill-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex itejbu l-kapaċitajiet ta' difiża tal-UE.

²⁵ Id-Deċiżjoni tal-Kunsill [2010/427/UE](#) li tistabbilixxi s-SEAE.

Figura 1 | Il-politika ta' difiża u l-qafas ta' governanza tal-UE



L-interazzjoni bejn il-livelli intergovernattivi u supranazzjonali ssir permezz ta' kumitati, parteċipazzjoni f'laqgħat, eċċ.

ASAP — Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon, **PESK** — Politika Ewropea ta' Sigurtà Komuni, **DĠ DEFIS** — Direttorat Ġenerali għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju, **EDA** — Aġenzija Ewropea għad-Difiża, **EDF** — Fond Ewropew għad-Difiża, **EDIDP** — Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża, **EDIP** — Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea, **EDIRPA** — Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni, **EDTIB** — Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea, **SEAE** — Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, **EUMS** — Stat Maġġur tal-Unjoni Ewropea, **RGħ/VP** — Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà/Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea, **PADR** — Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża, **PESCO** — Kooperazzjoni Strutturata Permanenti, **TUE** — Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, **TFUE** — Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, **SAFE** — Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa

Sors: il-QEA, abbażi ta' informazzjoni mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Parlament.

22 Il-qafas legali attwali jipprovdi opportunitajiet għall-Istati Membri biex jikkollaboraw fil-qasam tal-politika tad-difiża fuq bażi volontarja, filwaqt li prinċipalment jillimita l-kompetenzi tal-Kummissjoni għall-politika tal-industrija tad-difiża. Billi d-difiża hija espressjoni ewlenija tas-sovranià nazzjonali, l-Istati Membri jżommu rwol ewlieni u l-politika tal-UE dwar id-difiża tibqa' fundamentalment intergovernattiva, b'regoli u proċeduri speċifiċi li huma differenti minn dawk ta' politiki oħra tal-UE. Konsegwentement, id-difiża tibqa' ankrata fis-sod fl-Istati Membri, b'limiti fuq l-azzjoni supranazzjonali tal-UE. Dan ifisser li l-Kunsill jieħu pożizzjoni ċentrali fir-rigward tal-politika tal-UE dwar id-difiża u huwa entità ewlenija li tiegħu d-deċiżjonijiet, bid-deċiżjonijiet relatati mal-PESK u mal-PSDK ġeneralment jittieħdu b'unanimità.

23 Il-PSDK hija l-qafas tal-UE għall-ġestjoni tal-kriżijiet u għall-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża, li jippermetti lill-Istati Membri jwettqu missjonijiet u operazzjonijiet ċivili u militari tal-PSDK barra mill-UE bħala parti mill-approċċ integrat tal-UE għall-kunflitti u għall-kriżijiet esterni²⁶. Hija tappoġġa ż-żamma tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti u t-tiġi tas-sigurtà internazzjonali, spiss f'kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħan-Nazzjonijiet Uniti (NU) u n-NATO. L-UE nediet bosta missjonijiet ċivili u operazzjonijiet militari barra mill-pajjiż taħt il-PSDK. Il-missjonijiet ċivili huma ffinanzjati permezz tal-baġit tal-UE u jibbażaw fuq il-kapaċitajiet ipprovduti mill-Istati Membri (l-Artikolu 42 tat-TUE). Skont l-Artikolu 41(2) tat-TUE, in-nefqa li tirriżulta minn operazzjonijiet b'implikazzjonijiet militari jew ta' difiża ma tistax, fil-prinċipju, tiġi ffinanzjata mill-baġit tal-UE. Il-kostijiet tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet militari huma għalhekk iffinanzjati primarjament mill-Istati Membri parteċipanti permezz ta' mekkaniżmi intergovernattivi speċifiċi u kontribuzzjonijiet nazzjonali. L-arranġamenti ta' finanzjament ivarjaw skont il-missjoni jew l-operazzjoni kkonċernata²⁷.

²⁶ Il-Politika ta' Sigurtà u ta' Difiża Komuni, is-SEAE, l-24 ta' Settembru 2025.

²⁷ Bruno Bilquin, [EU missions and operations abroad](#), is-Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew, id-29 Ottubru 2024.

24 Il-qafas kollaborattiv tal-Istati Membri jinkludi wkoll diversi inizjattivi u entitajiet ibbażati fuq it-trattati li huma ffinanzjati barra mill-baġit permezz tal-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri. Dan jinkludi, pereżempju, l-EDA, li hija attur ewlieni fl-appoġġ tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet tad-difiża u fil-promozzjoni tal-kollaborazzjoni fil-qasam tad-difiża fl-UE u l-Kooperazzjoni Strutturata Permanenti (PESCO). Il-PESCO, li ġiet attivata fl-2017 minn 23 Stat Membru, u li issa għandha 26 parteċipant, hija qafas ta' kooperazzjoni bbażat fuq it-trattati biex b'mod konġunt tippjana, tiżviluppa u tinvesti fl-iżvilupp tal-kapaċitajiet u ssaħħaħ il-prontezza operazzjonali, l-interoperabbiltà u l-effettività tal-forzi armati permezz ta' impenji legalment vinkolanti. Is-Segretarjat tal-PESCO huwa magħmul minn rappreżentanti mill-EDA u mis-SEAE — inkluż l-EUMS. Fil-perjodu 2017–2025, il-PESCO ġġenerat total ta' 83 proġett kollaborattiv (li 74 minnhom għadhom għaddejjin) fl-oqsma tal-art, tal-baħar, tal-ajru, tal-ispazju u taċ-ċiberspazju.

25 L-Artikolu 42(7) TUE jiffirma l-bażi legali għall-klawżola ta' assistenza reċiproka tal-UE. Ladarba jiġi attivat minn Stat Membru li jkun ġie attakkat fit-territorju tiegħu, l-Istati Membri l-oħra għandhom obbligu ta' għajjuna u assistenza bil-mezzi kollha fis-setgħa tagħhom. Din l-assistenza trid tkun konsistenti mal-impenji skont in-NATO (għal dawk l-Istati Membri li huma wkoll alleati tan-NATO) u ma tistax tmur kontra l-karattru speċifiku tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża tal-Istati Membri (għal dawk li mhumiex alleati tan-NATO). Il-klawżola ġiet invokata darba biss, minn Franza, wara l-attakki terroristiċi f'Novembru 2015. L-Istati Membri tal-UE jorganizzaw regolarment diskussjonijiet ibbażati fuq xenarji u jwettqu eżerċizzji biex iżidu l-fehim dwar l-implimentazzjoni tal-klawżola, jagħtu spinta lill-prontezza u jibnu r-reżiljenza. Minn Marzu 2026, wara li Ċipru kien fil-mira tad-droni matul il-gwerra bejn l-Iran, l-Iżrael u l-Istati Uniti, id-diskussjonijiet dwar kif għandha titħaddem il-klawżola intensifikaw sabiex jiġu indirizzati l-isfidi marbuta mal-applikazzjoni Prattika tagħha²⁸.

²⁸ EU to game out bloc's mutual assistance clause in case of attack, Politico, is-17 ta' April 2026.

26 It-TFUE jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tappoġġa l-kompetittività tal-industrija Ewropea tad-difiża. Dan il-qasam ta' politika jippermetti lill-Kummissjoni tiffaċilita l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri fir-riċerka, fl-iżvilupp u fil-produzzjoni fil-qasam tad-difiża, mingħajr ma tindaħal fil-prerogattiva tal-Istati Membri li jiddeterminaw il-prijoritajiet u l-istrategġiji tad-difiża nazzjonali tagħhom stess. Billi tippromwovi l-politika tal-industrija tad-difiża, il-Kummissjoni jista' jkollha rwol fit-tiżi tal-EDTIB permezz ta' inizjattivi li jinkoraġġixxu l-investiment konġunt. Fir-rigward tad-difiża, it-Trattati effettivament jippożizzjonaw lill-Kummissjoni prinċipalment fi ħdan il-kompetenzi aktar tradizzjonali tagħha marbuta mas-suq intern, mal-kummerċ u mal-industrija. Permezz ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill u konklużjonijiet tal-Kunsill, l-Istati Membri jistgħu jinkarigaw u jistiednu lill-Kummissjoni tiegħu aktar inizjattivi fis-settur tad-difiża.

Żieda fil-livell ta' ambizzjoni tal-UE

27 B'mod speċjali mill-2022, l-Istati Membri tal-UE rrikonoxxew dejjem aktar li l-UE jeħtieġ li ssir aktar kapaċi fl-oqsma tas-sigurtà u tad-difiża. Dan immarka bidla fil-politika tal-UE dwar id-difiża, mill-ġestjoni tal-kriżijiet u mir-rispons għall-kriżijiet barra mill-UE lejn fokus akbar fuq il-prontezza tad-difiża tal-Istati Membri.

28 Fil-11 ta' Marzu 2022, ġimagħtejn biss wara l-bidu tal-gwerra ta' aggressjoni fuq skala sħiħa mir-Russja kontra l-Ukrajna, il-kapijiet ta' Stat jew ta' gvern tal-UE ressqu d-[Dikjarazzjoni ta' Versailles](#), li appellat għat-tiżi tal-kapaċitajiet ta' difiża tal-UE u għal aktar passi deċiżivi lejn il-bini tas-sovranià Ewropea. Il-[Boxxla Strateġika għas-Sigurtà u d-Difiża](#) segwiet żmien qasir wara, u stabbiliet pjan biex tiżdied l-awtonomija strateġika tal-UE u biex l-UE ssir fornitur tas-sigurtà aktar b'saħħtu u aktar kapaċi għaċ-ċittadini tagħha. Elaborata taħt it-tmexxija tar-RGħ/VP f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Kummissjoni u mal-EDA, il-Boxxla Strateġika ġiet approvata mis-27 Stat Membru kollha fit-22 ta' Marzu 2022 u stabbiliet punt ta' riferiment sinifikanti għall-politika Ewropea ta' sigurtà u difiża bħala qafas ġenerali mmexxi mill-Istati Membri. Bi tweġiba għas-sejħa tal-Kunsill għal ambizzjoni akbar fir-rigward tad-difiża tal-UE, il-Kummissjoni u r-RGħ/VP ippreżentaw [analiżi tad-diskrepanzi fl-investiment fid-difiża](#) li kien jeħtieġ li jingħalqu biex jintlaħqu dawn l-ambizzjonijiet il-ġodda.

29 Sabiex jappoġġaw dan il-livell ġdid ta' ambizzjoni, il-Kummissjoni u s-SEAE (inkluż l-EUMS) qed jaħdmu wkoll biex jikkomplementaw u jimmultiplikaw l-isforzi ta' difiża individwali tal-Istati Membri bil-ħsieb li "tinbena unjoni Ewropea tad-difiża vera u proprja"²⁹. Il-Kummissjoni u r-RGħ/VP ippreżentaw diversi inizjattivi u dokumenti strateġiċi maħsuba biex tinkiseb il-prontezza tad-difiża sal-2030 (il-**Figura 2**). Id-dokument strateġiku ċentrali huwa l-**White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030**, li tistabbilixxi għażliet għall-Istati Membri biex jikkollaboraw u jiġbru flimkien l-isforzi tagħhom ħalli jagħlqu l-lakuni fil-kapaċitajiet u jsaħħu l-EDTIB. Skont il-**Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030**, il-prontezza tad-difiża tinvolti l-iżvilupp u l-akkwist tal-kapaċitajiet li huma meħtieġa għall-gwerra moderna. Dan jirrikjedi li l-Ewropa jkollha bażi industrijali għad-difiża, biex tagħtiha vantaġġ strateġiku u l-indipendenza meħtieġa — b'innovazzjoni mill-aktar avvanzata u produzzjoni rapida u tal-massa fi żminijiet kritiċi³⁰.

²⁹ L-Għażla Quddiem l-Ewropa. Linji Gwida Politiċi għall-Kummissjoni Ewropea li jmiss 2024–2029, Ursula von der Leyen, it-18 ta' Lulju 2024.

³⁰ JOIN(2025) 27, Komunikazzjoni Konġunta dwar il-Pjan Direzzjonali għall-2030.


Figura 2 | Kronoloġija tad-dokumenti u l-inizjattivi strateġiċi rilevanti

Awturi tad-dokumenti:

● Il-Kummissjoni

● Il-Kunsill

● Ir-RGħ/VP



Sors: il-QEA, abbażi ta' informazzjoni mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Parlament.

30 Sabiex jissaħħa l-qafas strateġiku ewlieni tad-difiża, il-Kummissjoni u r-RGħ/VP qed jaħdmu wkoll fuq approċċ “olistiku” li għandu jitthejja għall-kunflitti u għall-kriżijiet, li jgħaqqad id-difiża u s-sigurtà. Bħala pass reċenti f'dik id-direzzjoni, l-**istrateġija għal unjoni tal-preparatezza 2025** tikkomplementa l-għan strateġiku tal-prontezza tad-difiża. L-istrateġija tiffoka fuq tliet approċċi: approċċ integrat tal-perikli kollha, approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha u approċċ min-naħa tal-gvern kollu. Dan jinkludi t-tnejn għat-tipi kollha ta' periklu, minflok ma jiġu indirizzati separatament. Dan ifisser ukoll l-involvement tas-setturi, tal-organizzazzjonijiet u taċ-ċittadini kollha, biex żgur ikun hemm koordinazzjoni u kollaborazzjoni bejn l-aġenziji u d-dipartimenti tal-gvern, filwaqt li d-dimensjoni esterna tas-sigurtà tintrabat ma' miżuri ta' preparatezza fl-UE.

31 Il-ħolqien ta' teknoloġiji ġodda li huma rilevanti kemm għall-użu ċivili kif ukoll għal dak militari, u tħassib ġenerali għar-reżiljenza tal-ktajjen tal-valur, wasslu wkoll lill-UE biex tikkunsidra kif tikkapitalizza fuq is-sinerġiji ċivili-militari³¹. In-natura li qed tevolvi tal-kunflitt modern, li tibbaża dejjem aktar fuq teknoloġiji fixkiela, tagħmel il-vantaġġ teknoloġiku fattur deċiżiv għas-superjorità militari.


Azzjonijiet tal-UE: nimxu lejn il-preparatezza u approċċ dejjem aktar strutturat

Żieda qawwija fl-infiq fid-difiża tal-Istati Membri u żieda qawwija fl-istrumenti finanzjarji tal-UE

32 Mill-2022 'il hawn, ġew mobilizzati riżorsi finanzjarji addizzjonali kemm fil-livell tal-UE kif ukoll f'dak tal-Istati Membri individwali biex jiġu indirizzati l-effetti ta' snin ta' nuqqas ta' investiment. B'reazzjoni għall-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, il-baġits annwali kollettivi tal-UE għad-difiża żdiedu drastikament, minn EUR 262 biljun fl-2022 għal total ikkombinat ta' EUR 418-il biljun fl-2025 (il-[Figura 3](#)). Fl-2026, il-baġits tal-Istati Membri għandhom jilħqu total stmat ta' EUR 454 biljun. B'mod ġenerali, l-infiq ikkombinat tal-Istati Membri fid-difiża (fi prezzijiet kostanti) żdied bi 78.6 % bejn l-2020 u l-2025³².

³¹ [COM\(2025\) 484](#), Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-Rapport ta' Prospettiva Strateġika 2025.

³² L-EDA, [Defence Data 2025–2026](#).


Figura 3 | Nefqa fid-difiża tal-Istati Membri tal-UE

Sors: il-QEA, abbażi tal-EDA, [Defence Data 2025–2026](#) (għall-valuri assoluti) u l-[portal tad-data dwar id-difiża tal-EDA](#) (għall-% tal-PDG).

33 Fl-2014, l-alleati tan-NATO qablu li jonfqu mill-inqas 2 % tal-PDG annwali tagħhom fuq id-difiza³³. Fl-2025, l-alleati tan-NATO impenjaw ruħhom għal miri ogħla ta' 3.5 % għall-infiq ewlieni fid-difiża u 1.5 % għall-infiq relatat mad-difiża u mas-sigurtà (pereżempju biex jipproteġu l-infrastruttura kritika, jiddefendu n-networks, jaraw li jkun hemm preparatezza u reżiljenza ċivili, jinnovaw, u jsaħħu l-bażi industrijali għad-difiża), li jgħibu t-total għal 5 % tal-PDG annwali sal-2035. Il-[Figura 4](#) turi n-nefqa fid-difiża tal-Istati Membri tal-UE bħala perċentwal tal-PDG għall-2024. Skont [l-EDA](#), l-alleati kollha tan-NATO tal-UE laħqu jew qabżu l-mira tan-nefqa fid-difiża ta' 2 %³⁴ fl-2025.

³³ [Wales Summit Declaration](#), NATO, il-5 ta' Settembru 2014.

³⁴ [Defence expenditures and NATO's 5 % commitment](#), NATO, l-10 ta' April 2026.

Figura 4 | In-nefqa fid-difiża tal-Istati Membri tal-UE fl-2024

Sors: il-QEA, abbażi tal-EDA, [Defence Data 2024–2025](#).

34 Dawn ir-riżorsi miżjuda jintużaw biex jissaħħu l-kapaċitajiet militari nazzjonali u jiġu indirizzati l-lakuni fil-kapaċitajiet li ilhom jeżistu snin (il-paragrafu 29). Fl-istess ħin, parti minn din in-nefqa ġiet diretta lejn appoġġ militari għall-Ukrajna, jew permezz ta' assistenza bilaterali jew permezz tal-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF) (il-[Kaxxa 2](#)). F'dan ir-rigward, EUR 6.4 biljun minn bejn wiehied u ieħor EUR 75.2 biljun li l-UE u l-Istati Membri mmobilizzaw f'appoġġ militari għall-Ukrajna fil-perjodu 2022–2025³⁵ jitwasslu permezz tal-EPF.

³⁵ Appoġġ militari tal-UE għall-Ukrajna, il-Kunsill Ewropew, l-24 ta' April 2026.

Kaxxa 2

Il-Faċilità Ewropea għall-Paċi (EPF)

L-EPF ġiet stabbilita f'Marzu 2021 bħala fond barra mill-baġit tal-UE. Din kienet tikkonsisti minn żewġ pilastri.

- Miżuri ta' assistenza: jintużaw dejjem aktar biex jappoġġaw il-kunsinna ta' tagħmir militari letali u mhux letali lil pajjiżi sħab (eż. munizzjon, missili, tagħmir protettiv, kaxex għall-ewwel għajnuna).
- Operazzjonijiet: tiffinanzja l-kostijiet komuni tal-missjonijiet u tal-operazzjonijiet militari tal-PSDK (il-maġġoranza tal-kostijiet jiġġarrbu mill-Istati Membri parteċipanti). Waħda mill-missjonijiet ewlenin li għaddejjin bħalissa hija l-missjoni ta' assistenza militari tal-UE fl-Ukrajna (EUMAM Ukraine) (il-[Kaxxa 5](#)).

L-appoġġ finanzjarju totali allokat permezz tal-EPF għall-perjodu 2021–2027 ammonta għal EUR 17-il biljun, li bejn wieħed u ieħor żewġ terzi minnhom ġew allokat lill-Ukrajna.

Sors: il-QEA, abbażi ta' [Faċilità Ewropea għall-Paċi](#) — [Consilium](#).

35 L-EDTIB għadha frammentata ħafna, iddominata minn “promoturi nazzjonali” li primarjament iservu s-swieq domestiċi, iżda jżommu wkoll swieq primarji tal-esportazzjoni barra mill-UE³⁶. Fl-2021, madwar 18 % biss tat-tagħmir tad-difiża kollu tal-Istati Membri ġie akkwistat b’mod kollaborattiv, u 7 % tan-nefqa fuq ir-riċerka u t-teknoloġija fil-qasam tad-difiża ntefget b’mod kollaborattiv. Dan huwa ferm taħt il-punti ta’ riferiment rispettivi ta’ 35 % u 20 % (li ma jissarrfux f’miri nazzjonali vinkolanti) stabbiliti f’Novembru 2007 mill-Bord ta’ Tmexxija Ministerjali tal-EDA³⁷. Kemm l-akkwist kollaborattiv tat-tagħmir tad-difiża kif ukoll l-infiq kollaborattiv fuq ir-riċerka u t-teknoloġija waqgħu lura meta mqabbla mal-punti ta’ riferiment tagħhom minn meta ġew stabbiliti³⁸. Madankollu, mill-2022, l-EDA ma rrapportatx b’mod konsistenti dwar l-istatus tal-akkwist kollaborattiv minħabba *data* mhux kompleta mill-Istati Membri. L-EDA ddikjarat li l-istrumenti tal-UE x’aktarx se jwasslu għal żieda fl-akkwist kollaborattiv, iżda li traċċar imtejjeb fl-Istati Membri jkun essenzjali biex jiġi vvalutat l-impatt tal-mekkaniżmi ta’ appoġġ finanzjarju³⁹.

³⁶ George, M., *et al.*, *Trends in International Arms Transfers 2024*, l-Istitut Internazzjonali ta’ Riċerka dwar il-Paċi ta’ Stokkolma, Marzu 2025.

³⁷ Stqarrija għall-istampa “EU Ministers adopt Framework for Joint European Strategy in Defence R&T (Brussell, id-19 ta’ Novembru 2007)” u l-Portal tad-*Data* dwar id-Difiża.

³⁸ *Defence Data 2020–2021: Key findings and analysis*, l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, 2022 (il-Figura 12).

³⁹ *Defence Data 2024–2025*, l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża, 2025.

36 Permezz ta' diversi inizjattivi matul dawn l-aħħar ftit snin, l-UE mmobilizzat firxa ta' strumenti finanzjarji maħsuba biex irawmu kooperazzjoni transfruntiera akbar fis-settur tad-difiża, u thegħgeġ lill-Istati Membri jiżviluppaw u jakkwistaw b'mod konġunt prodotti u kapaċitajiet tad-difiża (il-[Figura 5](#)). Kull strument jimmira lejn objettivi speċifiċi fi stadji differenti ta' ċiklu tal-ħajja tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet.


- **Riċerka u żvilupp konġunti ta' tagħmir tad-difiża:** Preċedut minn żewġ programmi prekursori⁴⁰, il-[Fond Ewropew għad-Difiża](#) (EDF) jiffinanzja proġetti kollaborattivi ta' riċerka u żvilupp li jinvolvu konsorzji minn mill-inqas tliet Stati Membri. L-għan tiegħu huwa li jsaħħaħ l-EDTIB u jnaqqas il-frammentazzjoni. Fi ħdan dan l-istrument, l-iskema tal-UE għall-Innovazzjoni fid-Difiża tipproponi sett immirat ta' miżuri biex tattira u tappoġġa lill-istart-ups u lill-SMEs. L-EDF għandu baġit ta' EUR 7.3 biljun taħt il-qafas finanzjarju pluriennali (QFP) 2021–2027, li minnhom EUR 1.5 biljun huma diretti lejn l-inizjattiva tal-[Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa](#). Sa April 2026, intgħażlu 281 proġett taħt sejħiet immedja bejn l-2021 u l-2025⁴¹.
- **Kapaċitajiet ta' produzzjoni industrijali:** Il-fażi tal-manifattura u l-irrankar industrijali huma l-passi loġiċi li jmiss wara l-fażi tar-riċerka u l-iżvilupp. L-[Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon](#) (ASAP) huwa mogħni b'EUR 500 miljun u huwa intenzjonat biex isaħħaħ u jżid il-produzzjoni tal-munizzjon fl-Ewropa kollha. L-objettiv prinċipali tiegħu huwa li jappoġġa l-kunsinna urġenti ta' munizzjon u missili lill-Ukrajna u jgħin lill-Istati Membri jirrikostitwixxu l-ħażniet tagħhom. F'Marzu 2024, il-Kummissjoni għażlet 31 proġett għall-2024 u għall-2025 biex tgħin lill-industrija Ewropea f'5 oqsma: l-isplussivi, it-trab, il-projettili, il-missili u l-kapaċità ta' ttestjar.
- **Kooperazzjoni fl-akkwist fil-qasam tad-difiża:** L-iskop tal-[Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni](#) (EDIRPA)⁴² huwa li jappoġġa akkwist aktar effiċjenti fil-qasam tad-difiża, b'finanzjament ta' EUR 300 miljun mill-baġit tal-UE. F'Novembru 2024, intgħażlu tliet proposti fi tliet oqsma ta' prijorità (il-munizzjon, id-difiża kontra attakki mill-ajru u l-missili, il-pjattaformi u s-sostituzzjoni ta' sistemi miruta (skaduti)), li jinvolvu total ta' 20 Stat Membru, b'medja ta' sitt parteċipanti għal kull proġett.

⁴⁰ L-Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża (PADR) u l-Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża (EDIDP).

⁴¹ Il-Fond Ewropew għad-Difiża (EDF) — [Paġna elettronika uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea — Industrija tad-Difiża u l-Ispazju](#).

⁴² Ir-Regolament (UE) 2023/2418 dwar l-istabbiliment ta' strument għat-tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni (EDIRPA).

Figura 5 | Strumenti ta' finanzjament għall-industrija tad-difiża tal-UE, ifffinanzjati jew garantiti mill-baġit tal-UE fl-2026



PADR — Azzjoni Preparatorja fuq ir-Riċerka dwar id-Difiża

EDIDP — Programm Ewropew għall-Iżvilupp fl-Industrija tad-Difiża

EDF — Fond Ewropew għad-Difiża

ASAP — Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon

EDIP — Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea

EDIRPA — Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni

SAFE — Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa

Sors: il-QEA, abbażi ta' informazzjoni mill-Kummissjoni, mill-Kunsill u mill-Parlament.

37 Il-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (EDIP) jintroduċi approċċ distint fi ħdan is-sett ta' strumenti għad-difiża tal-UE mmaniġġjati mill-Kummissjoni. L-EDIP jgħaqqad miżuri regolatorji, finanzjarji u ta' koordinazzjoni fi strument uniku (l-[Anness I](#)). Dan jammonta għal EUR 1.5 biljun matul il-perjodu 2026–2027, u għandu l-għan li jikseb pronteza industrijali tad-difiża billi jnaqqas id-distakk bejn il-miżuri ta' emerġenza għal żmien qasir, bħall-EDIRPA u l-ASAP, u approċċ strutturali u għal żmien twil.

38 Għall-kuntrarju tal-istrumenti għad-difiża tal-UE msemmija qabel, li huma fil-forma ta' għotjiet, l-Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) ta' EUR 150 biljun adottata f'Mejju 2025 tipprovdli self b'termini favorevoli — iffinanzjat permezz ta' self tal-UE fis-swieg kapitali — lill-Istati Membri abbażi ta' pjanijiet ta' investiment għall-industrija tad-difiża nazzjonali u ftehimiet ta' self u arranġamenti operazzjonali sussegwenti. 19-il Stat Membru⁴³ esprimew interess li jipparteċipaw sa mill-bidu tal-2026, u sa nofs April 2026 il-Kunsill kien adotta deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni għalihom kollha ħlief l-Ungerija. L-Istati Membri benefiċjarji jħallu lura s-self tipikament fuq maturitajiet twal sa madwar 45 sena⁴⁴. Fl-istess ħin, dan is-self jiġi pprovdut taħt ċerti kundizzjonijiet, bħal li jkun hemm rekwiżit ta' akkwist komuni, regoli dwar l-oriġini tal-komponenti, l-istabbiliment u l-kontroll tal-kuntratturi (l-*Anness II*), u kontribut għal objettivi, bħall-garanzija li jkun hemm interoperabbiltà u interkambjabbiltà fl-UE kollha. Meħuda flimkien, dawn l-elementi jsaħħu r-rwol tal-Kummissjoni fit-tfassil tal-politika industrijali tal-UE għad-difiża. L-*Anness III* jippreżenta stampa ġenerali tal-finanzjament mill-UE skont l-Istat Membru u l-istrument, abbażi tad-*data* disponibbli.

39 Fid-dawl tal-QFP 2028–2034 li jmiss, il-Kummissjoni pproponiet li tikkonsolida diversi strumenti eżistenti għad-difiża f'mezz ta' finanzjament uniku, il-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK)⁴⁵. Din il-konfigurazzjoni tirrifletti l-intenzjoni tal-UE li tissimplifika l-inizjattivi frammentati attwali filwaqt li tagħti prijorità lill-investimenti biex issaħħaħ ir-reżiljenza u tappoġġa l-bażi tal-industrija tad-difiża — matul il-vjaġġ kollu tal-investiment, mir-riċerka u l-iżvilupp sal-akkwist u l-manutenzjoni. L-allokazzjoni fi ħdan il-FEK għar-reżiljenza u s-sigurtà, l-industrija tad-difiża, u l-ispazju, tikkostitwixxi l-akbar komponent tal-fond, li jirrappreżenta madwar EUR 125 biljun (fi prezzijiet attwali) minn total ta' EUR 234 biljun, jiġifieri bejn wieħed u ieħor 53 % tal-allokazzjoni ġenerali proposta. Barra minn hekk, il-fond Ewropew propost għall-perjodu 2028–2034 jinkludi wkoll l-appoġġ għall-kapaċitajiet ta' difiża u s-sigurtà bħala wieħed mill-obiettivi speċifiċi tiegħu.

⁴³ Il-Belġju, il-Bulgarija, iċ-Ċekja, il-Kroazja, Ċipru, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Greċja, l-Ungerija, l-Italja, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, is-Slovakkja, Spanja. *Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa — sit elettroniku tal-Kummissjoni*.

⁴⁴ Ir-*Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106* li jstabbilixxi l-Istrument ta' Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa (SAFE) permezz tat-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża.

⁴⁵ *Proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK)*, inkluż il-programm speċifiku għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fid-difiża, is-16 ta' Lulju 2025.

40 Il-biċċa l-kbira tal-istrumenti ta' finanzjament tad-difiża msemmija hawn fuq jinkludu klawżoli li jirreferu għall-“prinċipju ta' preferenza tal-UE”. Dan il-prinċipju jirrikjedi li l-prodotti u l-komponenti tad-difiża ffinanzjati mill-istrumenti tal-UE jridu jinkisbu b'mod predominanti minn entitajiet stabbiliti u li joperaw fl-UE jew f'pajjiżi assoċjati, biex tissaħħaħ l-EDTIB u titnaqqas id-dipendenza fuq pajjiżi terzi (jiġifieri pajjiżi għajr l-Istati Membri tal-UE u pajjiżi assoċjati). Il-klawżoli jispeċifikaw ukoll min għandu jkun jista' jagħmel bidliet fil-fasla tal-prodott u min huwa s-sid tal-proprjetà intellettuali (l-[Anness II](#)).

Regoli aġġornati biex jiġi ffaċilitat l-aċċess għall-fondi u tittejjeb il-mobbiltà militari

41 Il-bidliet reċenti fir-regoli eżistenti tal-UE ffukaw fuq is-simplifikazzjoni tal-aċċess għall-finanzjament għall-inizjattivi tad-difiża, jew billi ssimplifikaw ir-regoli jew billi ppermettew li l-fondi mhux minfuqa minn programmi oħra jiġu diretti mill-ġdid lejn id-difiża, inkluża l-mobbiltà militari. Il-bidliet huma maħsuba wkoll biex ineħħu l-ostakli regolatorji għall-mobbiltà militari. Żewġ eżempji jsegwu hawn taħt.

- Mill-2025, l-Istati Membri kellhom il-possibbiltà li [jappoġġaw investimenti fid-difiża u b'użu doppju permezz ta' fondi taħt il-politika ta' koeżjoni](#). Konsegwentement, l-Istati Membri pprogrammaw mill-ġdid EUR 11.9-il biljun tal-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni għall-perjodu 2021–2027 biex isaħħu l-kapaċitajiet tal-industrija tad-difiża, il-mobbiltà militari, il-preparatezza ċivili u l-iżvilupp tal-ħiliet tagħhom⁴⁶.
- L-Istati Membri għandhom ukoll il-possibbiltà li jidderieġu mill-ġdid il-fondi mhux minfuqa tal-Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza (RRF) ta' wara l-COVID lejn id-difiża⁴⁷. Pereżempju, f'Mejju 2025, il-Kummissjoni approvat it-talba tal-Polonja biex jintużaw mod ieħor kważi EUR 6 biljun ta' fondi tal-RRF għal investimenti relatati mad-difiża sa tmiem l-2026⁴⁸.

L-[Anness III](#) jippreżenta stampa ġenerali tal-finanzjament mill-UE skont l-Istat Membru u l-istrument, abbażi tad-*data* disponibbli.

⁴⁶ Stqarrija għall-istampa tal-Kummissjoni Ewropea, [EUR 34.6 biljun f'fondi taħt il-politika ta' koeżjoni riallokati biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet strateġiċi tal-UE](#), il-25 Marzu 2026.

⁴⁷ L-Artikolu 5 tar-[Regolament \(UE\) 2025/2643](#) li jistabbilixxi l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea (“ir-Regolament EDIP”).

⁴⁸ [“Brussels approves Poland’s use of post-COVID funds for defence”](#), Euronews, is-27 ta' Mejju 2025.

42 Kien hemm ukoll bidliet sinifikanti oħra fil-qafas regolatorju tal-UE.

- Saru bidliet biex ikun aktar faċli għal ħames programmi u inizjattivi eżistenti tal-UE⁴⁹ li jappoġġaw proġetti b'applikazzjonijiet b'użu doppju jew tad-difiża, b'mod partikolari permezz tal-“mini-omnibus għad-difiża”⁵⁰.
- L-Omnibus dwar il-Prontezza tad-Difiża ppropona li jkompli jiġu simplifikati l-oqfsa legali u amministrattivi li jikkonċernaw il-preparatezza għad-difiża, bħall-aċċellerazzjoni tal-għoti tal-permessi għal proġetti tal-prontezza tad-difiża u l-iffaċilitar tar-rekwiżiti ambjentali.
- B'mod parallel, sa nofs l-2026, 18-il Stat Membru⁵¹ kienu ngħataw flessibbiltà fiskali addizzjonali billi attivaw il-klawżola liberatorja nazzjonali (NEC). L-NEC tippermetti lil Stat Membru jaqbeż temporanjament il-limiti baġitarji (matul il-perjodu 2025–2028) meta dan jirriżulta minn żieda fin-nefqa fid-difiża, filwaqt li xorta jirrispetta ċerti kundizzjonijiet (pereżempju, infiq addizzjonali massimu sa 1.5 % tal-PDG fis-sena lil hinn mit-trajettorja fiskali normali). Li kieku l-Istati Membri kollha kellhom jużaw din il-flessibbiltà sal-livell massimu permess, il-Kummissjoni stmat li l-NEC tista' toħloq madwar EUR 650 biljun fi spazju fiskali addizzjonali għall-infiq fid-difiża fl-UE kollha matul il-perjodu⁵². L-użu effettiv tal-NEC, madankollu, x'aktarx li jkun ħafna aktar baxx⁵³.

⁴⁹ Pjattaforma tat-Teknoloġiji Strateġiċi għall-Ewropa, Fond Ewropew għad-Difiża, Programm Ewropa Diġitali., Orizzont Ewropa, Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

⁵⁰ Stqarrija għall-istampa tal-Kunsill tal-UE, “Investimenti tal-UE fid-difiża: Il-Kunsill u l-Parlament jaqblu li jappoġġaw investimenti aktar rapidi, aktar flessibbli u kkoordinati fid-difiża Ewropea”, il-5 ta' Novembru 2025.

⁵¹ L-Awstrija, il-Belġju, il-Bulgarija, il-Kroazja, iċ-Ċekja, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, il-Ġermanja, il-Greċja, l-Ungerija, il-Latvja, il-Litwanja, il-Polonja, il-Portugall, is-Slovakkja, is-Slovenja, Spanja.

⁵² Sebastian Clapp, “EU defence funding”, EPRS, Ottubru 2025.

⁵³ The National Escape Clause in practice: Early evidence from the 2025 European Semester.

43 Lil hinn mill-mobilizzazzjoni ta' finanzjament addizzjonali, kemm il-Kummissjoni kif ukoll il-Bank Ewropew tal-Investment (BEI) introduċew aġġustamenti għall-oqfsa regolatorji eżistenti biex jiffaċilitaw u jaċċelleraw l-investment f'attivitajiet relatati mad-difiża. F'konformità mal-proposti approvati mill-mexxejja tal-UE fil-[Kunsill Ewropew Straordinarju tas-6 ta' Marzu 2025](#), il-Bord tal-BEI kompla jwessa' l-kriterji ta' eliġibbiltà għall-finanzjament tas-settur Ewropew tas-sigurtà u d-difiża, bil-ħsieb li jillimita l-eskluzjonijiet⁵⁴. Barra minn hekk, mill-adozzjoni tal-Inizjattiva Strateġika għas-Sigurtà Ewropea ta' EUR 8 biljun f'Marzu 2022, il-BEI appoġġa l-investment fis-sigurtà u d-difiża b'użu doppju. Dan jagħmlu billi jiffinanzja proġetti ta' riċerka, innovazzjoni u infrastruttura b'rilevanza kemm ċivili kif ukoll militari, inkluż f'oqsma bħall-ispazju, iċ-ċibersigurtà, l-intelliġenza artifiċjali u l-protezzjoni tal-infrastruttura kritika.

44 Il-Kummissjoni u r-RGħ/VP ippreżentaw [Pakkett dwar il-Mobbiltà Militari](#) f'Novembru 2025, u b'hekk ikkomplementaw il-finanzjament għall-infrastruttura tat-trasport permezz tal-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa (FNE) għall-perjodu 2021–2027. L-għan tal-pakkett huwa li jiffaċilita l-moviment ta' persunal u assi militari fl-Istati Membri kollha (il-[Kaxxa 3](#)). Biex tappoġġa l-investimenti relatati, il-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP li jmiss (2028–2034) tenfasizza li l-baġit disponibbli għall-mobbiltà militari żdied b'10 darbiet, minn EUR 1.7 biljun taħt il-QFP attwali għal baġit propost ta' EUR 17.7-il biljun taħt il-FNE futura.

⁵⁴ EIB steps up financing for European security and defence and critical raw materials, il-BEI, il-21 ta' Marzu 2025.

Kaxxa 3

Pakkett dwar il-mobbiltà militari

Il-kapaċità tal-Istati Membri tal-UE li jirrispondu għall-kriżijiet hija ristretta minn ostakli kontinwi għall-moviment transfruntier ta' persunal u tagħmir militari. Għalhekk, il-mobbiltà militari ġiet identifikata bħala prijorità ewlenija kemm fil-[White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030](#) kif ukoll fil-[Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030](#), u ġiet identifikata wkoll bħala qasam ta' prijorità għall-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO. Il-Kummissjoni u r-RGħ/VP nedew [Pjan ta' Azzjoni dwar il-Mobbiltà Militari](#) f'Marzu 2018, li ġie rivedut fl-2022 ([Pjan ta' Azzjoni 2.0](#)).

Madankollu, id-dgħufijiet fil-fasla u r-riżultati mħallta xekklu l-implimentazzjoni tal-Pjan ta' Azzjoni 2.0, kif enfasizzat fir-[Rapport Speċjali tagħna tal-2025 dwar il-mobbiltà militari](#) li rrakkomanda titjib f'oqsma differenti inklużi l-governanza, il-prevedibbiltà tal-finanzjament u l-għażla ta' proġetti ta' infrastruttura b'użu doppju. Konsegwentement, f'Novembru 2025, il-Kummissjoni u r-RGħ/VP ipproponew pakkett ta' mobbiltà militari biex jiġu indirizzati dawn l-isfidi. Il-pakkett jgħaqqad [proposta għal regolament](#) ma' [komunikazzjoni konġunta](#), u jistabbilixxi miżuri maħsuba biex jissimplifikaw il-proċeduri transfruntiera u jtejbu l-koordinazzjoni.

Il-pakkett, żviluppat f'koordinazzjoni mill-qrib mal-EDA, u wara konsultazzjoni man-NATO, għandu l-għan li jistabbilixxi żona ta' mobbiltà militari fl-UE kollha sa tmiem l-2027, bħala l-ewwel pass lejn il-ksib progressiv ta' "Schengen militari".

Qafas ta' governanza li qed jevolvi

45 Għalkemm il-qafas ta' governanza għall-politika tal-UE dwar id-difiża għadu ddefinit primarjament mit-Trattati (il-paragrafu [20](#)), il-prominenza dejjem akbar tal-kwistjonijiet tad-difiża ġiet riflessa f'diversi żviluppi reċenti.

- F'Jannar 2020, il-Kummissjoni waqqfet id-Direttorat Ġenerali għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju (DG DEFIS), li jimmarka l-ewwel direttorat ġenerali tal-Kummissjoni ddedikat speċifikament għall-politika tal-industrija tal-ispazju u tad-difiża.
- Fl-2024, il-Kummissjoni assenjat — għall-ewwel darba — portafoll speċifiku ta' Kummissarju għad-difiża u l-ispazju, li jindika prijoritizzazzjoni politika aktar b'saħħitha ta' dan il-qasam.
- Il-Parlament Ewropew saħħaħ is-sorveljanza tiegħu f'Diċembru 2024 billi aġġorna s-Sottokomitat għas-Sigurtà u d-Difiża (SEDE) biex isir komitat sħiħ, filwaqt li żied is-setgħat leġiżlattivi, ta' sorveljanza u istituzzjonali tiegħu.

- Is-SEAE ilu jiġi ristrutturati mill-2022 u nħolqot unità tal-politika tad-difiża. Id-dimensjoni tal-PSDK issa hhet b'unità tas-Sħubijiet għas-Sigurtà u d-Difiża, u unità tal-ippjanar integrata u strateġika għall-missjonijiet ċivili u militari.
- Fl-2024, il-Ministri għad-Difiża tal-UE adottaw ir-[rieżami l-ġdid għal żmien twil](#) tal-EDA, li espanda l-kompiti ewlenin tal-EDA, b'fokus aktar qawwi fuq l-appoġġ lill-Istati Membri permezz taċ-ċiklu sħiħ tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet militari. F'[Ottubru 2025](#), il-Kunsill Ewropew appella biex l-EDA tkompli tissaħħaħ sabiex tkun tista' teżerċita bis-sħiħ ir-rwol tagħha fl-oqsma tal-iżvilupp, ir-riċerka u l-akkwist tal-kapaċitajiet tad-difiża.

46 Meħuda flimkien, dawn l-iżviluppi juru li l-UE qed tqis dejjem aktar id-difiża bħala qasam ta' politika distint. Konsegwentement, l-istituzzjonijiet tal-UE stabbilew strutturi ta' governanza ddedikati, saħħew is-sorveljanza politika, u espandew l-iskrutinju parlamentari. Din hija bidla sinifikanti mill-approċċ preċedenti, skont liema d-difiża kienet primarjament ittrattata bħala komponent tal-azzjoni esterna.

47 Id-deċiżjonijiet tal-Kunsill fil-qasam tad-difiża ġeneralment jiġu adottati b'mod unanimu, u b'hekk kwalunkwe Stat Membru jkun jista' jimblokka jew jillimita l-azzjoni fil-livell tal-UE (il-paragrafu [22](#)). Madankollu, kemm il-Parlament Ewropew⁵⁵ kif ukoll diversi Stati Membri tal-UE⁵⁶ kienu favur użu usa' tal-votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata, bl-argument li tali bidla ssaħħaħ il-kapaċità tal-UE li tirrispondi għall-isfidi ġeopolitiċi. F'kuntest ta' urġenza ġeopolitika li qed tikber wara l-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna, l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE esploraw dejjem aktar flessibbiltajiet ibbażati fuq it-trattati biex jiffaċilitaw it-teħid ta' deċiżjonijiet filwaqt li jippreservaw l-unità politika (il-[Kaxxa 4](#)).

⁵⁵ Ir-[riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' Frar 2024](#), il-paragrafu 21.

⁵⁶ [Artikolu konġunt](#) mill-Ministri għall-affarijiet barranin tal-Belġju, il-Ġermanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, ir-Rumanija, is-Slovenja u Spanja: "It's time for more majority decision-making in EU foreign policy", Politico EU, it-12 ta' Ġunju 2023.

Kaxxa 4

Flessibbiltajiet fit-teħid tad-deċiżjonijiet previsti fit-Trattati

L-Artikolu 31(1) tat-TUE jippermetti li Stat Membru jastjeni minn vot u jikkwalifika l-astensjoni tiegħu permezz ta' dikjarazzjoni formali ("astensjoni kostruttiva"). Dan il-mekkaniżmu jfisser li deċiżjoni xorta tista' tiġi adottata mingħajr il-ħtieġa li l-Istat li jastjeni milli japplikaha. Minn Frar 2022, din id-dispożizzjoni ntużat fil-kuntest ta' deċiżjonijiet relatati mal-appoġġ tal-UE lill-Ukrajna, inkluż l-istabbiliment tal-EUMAM Ukraine.

Il-flessibbiltà rriżultat ukoll permezz tal-użu dejjem akbar tal-bażijiet legali tat-TFUE għall-inizjattivi ta' politika tal-industrija tad-difiża, bħall-ASAP, l-EDIRPA u l-EDIP, li ġew adottati skont id-dispożizzjonijiet tas-suq intern u għalhekk huma soġġetti għal votazzjoni b'maġġoranza kwalifikata aktar milli r-rekwiżit għal unanimità li ġeneralment japplika skont il-qafas tal-PSDK.

L-Artikolu 20 tat-TUE jippermetti li grupp ta' Stati Membri jipproċedu meta ma tkunx tista' tintlaħaq l-unanimità. F'dan il-każ, deċiżjoni li tawtorizza kooperazzjoni msaħħa se tiġi adottata mill-Kunsill bħala l-aħħar għażla. Id-[Deċiżjoni tal-Kunsill \(UE\) 2026/258 tad-29 ta' Jannar 2026](#) awtorizzat kooperazzjoni msaħħa dwar l-istabbiliment ta' self ta' EUR 90 biljun għall-Ukrajna, li tippermetti lil 24 Stat Membru jipproċedu mingħajr il-parteċipazzjoni tat-3 l-oħra (l-Ungerija, is-Slovakkja u ċ-Ċekja), li għażlu li ma jipparteċipawx. Madankollu, il-mobilizzazzjoni Prattika tal-garanziji baġitarji tal-UE u kwalunkwe emenda għar-Regolament QFP meħtieġa biex jiġi pprovdut appoġġ baġitarju kienu passi separati rregolati mill-proċedura tal-QFP, li tirrikjedi unanimità fil-Kunsill.

L-iżvilupp ta' sħubija fil-qasam tad-difiża mal-Ukrajna u rabtiet aktar mill-qrib man-NATO u ma' sħab oħra

48 Il-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża bejn l-UE u l-Ukrajna intensifikat bil-qawwi mill-invażjoni fuq skala sħiħa tal-Ukrajna mir-Russja. Hija tikkonsisti f'appoġġ militari għall-forzi armati Ukreni, akkwist konġunt mill-Istati Membri għall-Ukrajna taħt l-EDIRPA u l-EDIP, u l-konsenja ta' munizzjon u missili, iffinanzjati permezz tal-EPF (il-[Kaxxa 2](#)). Tinkorpora wkoll taħriġ għas-soldati Ukreni permezz tal-EUMAM Ukraine (il-[Kaxxa 5](#)), u l-possibbiltà li l-industrija tad-difiża tal-Ukrajna tipparteċipa fil-proġetti tal-EDF, tal-EDIP (inkluż l-Istrument ta' Appoġġ għall-Ukrajna ddedikat tagħha) u tas-SAFE. Dawn il-passi suċċessivi rriżultaw fil-formalizzazzjoni ta' qafas ġdid għal kooperazzjoni fis-sigurtà għal żmien twil jiġifieri l-[Impenji Konġunti ta' Sigurtà](#), iffirmati bejn l-UE u l-Ukrajna fis-27 ta' Ġunju 2024.

49 F'Novembru 2025, il-Kunsill u l-Parlament Ewropew qablu li l-kumpaniji Ukreni jkunu jistgħu jipparteċipaw fi proġetti tal-EDF u jirċievu finanzjament ladarba l-ftehim ta' assoċjazzjoni tal-EDF jidħol fis-seħħ. Il-Pjan Direzzjonali għat-Trasformazzjoni tad-Difiża Ewropea (ippubblikat f'Novembru 2025 — il-**Figura 2**) jiddeskrivi kif jistgħu jkomplu jiġu sfruttati t-tagħlimiet meħuda mill-esperjenzi tal-Ukrajna fi żmien il-gwerra, b'mod partikolari billi jissaħħaħ ir-rwol tal-Uffiċċju tal-UE għall-Innovazzjoni fid-Difiża fi Kiev u billi jiġu mmonitorjati l-iżviluppi teknoloġiċi militari u l-innovazzjoni, inkluż permezz ta' **BraveTech EU**. BraveTech EU hija mistennija li taċċellera l-iżvilupp, l-ittestjar, u l-varar ta' soluzzjonijiet avanzati tad-difiża, filwaqt li trawwem il-kollaborazzjoni diretta bejn il-kumpaniji tal-Ukrajna u dawk tal-UE.

Kaxxa 5

EUMAM Ukraine

L-EUMAM Ukraine għandha l-għan li ssaħħaħ il-kapaċità tal-forzi armati Ukreni biex jiddefendu l-integrità territorjali tal-Ukrajna. L-attivitajiet kollha tal-missjoni jinsabu fit-territorju tal-UE. Sa issa, 24 Stat Membru tal-UE offrew moduli ta' taħriġ u persunal. Il-missjoni espandiet bil-kbir mindu tnediet fl-2022. Sa Lulju 2026, kienu tħarrġu aktar minn 95 000 suldat Ukren, meta mqabbla ma' madwar 75 000 sal-bidu tal-2025. Il-missjoni hija ffinanzjata permezz tal-EPF (il-**Kaxxa 2**) li tappoġġa wkoll il-forniment ta' tagħmir letali u mhux letali użat għat-taħriġ. Sa Novembru 2025, il-finanzjament allokat taħt l-EPF ammonta għal bejn wieħed u ieħor EUR 610 miljun, inklużi EUR 435 miljun għall-kostijiet komuni u EUR 175 miljun għat-tagħmir.

Sors: [EU Military Assistance Mission in support of Ukraine](#) (is-SEAE) u [Appoġġ militari tal-UE għall-Ukrajna](#), (il-Kunsill).

50 Il-**White Paper għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030** tqis lill-Ukrajna bħala sieħeb strateġiku u tappella għal integrazzjoni tal-industriji tad-difiża rispettivi. L-istatus tal-Ukrajna bħala pajjiż kandidat tal-UE potenzjalment jinkorpora l-kooperazzjoni fil-qasam tad-difiża f'perspettiva għal żmien itwal. Ir-relazzjoni bejn l-UE u l-Ukrajna mhijiex f'direzzjoni waħda, iżda hija pjuttost forma ta' kooperazzjoni strateġika li tippermetti lill-EDTIB tespandi permezz ta' produzzjoni, riċerka u innovazzjoni konġunti. Filwaqt li tipprovdi opportunitajiet sinifikanti għall-iżvilupp tal-kapaċitajiet, din il-kooperazzjoni tittestja wkoll il-kapaċità tal-UE li tallinja mal-oġettivi strateġiċi għal żmien twil.

51 L-UE u n-NATO jikkondividu sfidi komuni għas-sigurtà. Kif enfasizzat fil-[White Paper għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030](#), il-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO hija pilastru indispensabbli għall-iżvilupp tad-dimensjoni tas-sigurtà u d-difiża tal-UE⁵⁷. Sabiex twettaq il-kompiti tagħha, in-NATO żżomm pożizzjoni ta' deterrenza u difiża fuq spettru sħiħ, inklużi kapaċitajiet ta' difiża nukleari, konvenzjonali u tal-missili ballistiċi. Għandha linja ta' kmand politika-militari ċara⁵⁸, appoġġata minn struttura magħmula minn kwartieri ġenerali multinazzjonali permanenti fil-livell strateġiku, operazzjonali u tattiku.

52 Ir-relazzjonijiet bejn l-UE u n-NATO ġew formalizzati fl-2001 u huma mibnija fuq tliet dikjarazzjonijiet konġunti ([2016](#), [2018](#) u [2023](#)). Il-kooperazzjoni bejn iż-żewġ organizzazzjonijiet fil-forma ta' djalogi strutturati tkopri firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet, bħar-reżiljenza, it-teknoloġiji emerġenti u rivoluzzjonarji, l-industrija tad-difiża u l-mobbiltà militari⁵⁹. Id-dialogu strutturat dwar il-mobbiltà militari ilu fis-seħħ mill-2018 u spiss jiġi kkwotat bħala eżempju ta' suċċess tal-kooperazzjoni bejn l-UE u n-NATO⁶⁰. Iż-żewġ organizzazzjonijiet jikkoordinaw ukoll regolarment dwar kwistjonijiet relatati mal-Ukrajna.

53 Il-kooperazzjoni bejn in-NATO u l-UE fir-rigward tal-appoġġ militari għall-Ukrajna ġiet approfondita b'mod sinifikanti. Barra minn hekk, f'Jannar 2023 iż-żewġ organizzazzjonijiet affermaw mill-ġdid l-impenn konġunt tagħhom li jsaħħu u jespandu l-kooperazzjoni tagħhom. F'Ġunju 2025, l-alleati tan-NATO impenjaw ruħhom li jinvestu aktar fid-difiża (il-paragrafu [33](#) u l-[Figura 4](#)).

54 L-UE kienet qed taħdem ukoll fuq kooperazzjoni akbar ma' sħab magħżula, inkluż permezz ta' [sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża](#), li 12 minnhom kienu ġew konklużi sal-aħħar ta' Marzu 2026⁶¹. Filwaqt li mhumx ftehimiet ta' difiża bħala tali, dawn is-sħubijiet jistabbilixxu konsultazzjoni regolari u djalogi strutturati bejn dawn il-pajjiżi sħab u l-UE dwar firxa wiesgħa ta' kwistjonijiet ta' difiża, inklużi l-mobbiltà militari, it-theddid ibridu u ċibernetiku u s-sigurtà marittima.

⁵⁷ [White Paper Konġunta għall-Prontezza tad-Difiża Ewropea 2030](#), il-Kummissjoni Ewropea, Marzu 2025, p. 18.

⁵⁸ Richard D. Hooker, Jr., "[A new NATO command structure](#)", il-Kunsill tal-Atlantiku, Mejju 2024.

⁵⁹ [Il-ħdax-il rapport ta' progress](#) dwar l-implimentazzjoni tas-sett komuni ta' proposti approvati mill-Kunsill tal-UE u mill-Kunsill tan-NATO fis-6 ta' Diċembru 2016 u fil-5 ta' Diċembru 2017.

⁶⁰ Sebastian Clapp, Monika Kiss u Mathias Gullentops, "[Military mobility](#)", EPRS, Lulju 2025.

⁶¹ Il-Ghana (l-24 ta' Marzu 2026), l-Awstralja (it-18 ta' Marzu 2026), l-Iżlanda (it-18 ta' Marzu 2026), l-Indja (is-27 ta' Jannar 2026), il-Kanada (it-23 ta' Ġunju 2025), ir-Renju Unit (id-19 ta' Mejju 2025), l-Albanija (it-18 ta' Diċembru 2024), il-Maċedonja ta' Fuq (id-19 ta' Novembru 2024), il-Korea t'Isfel (l-4 ta' Novembru 2024), il-Ġappun (l-1 ta' Novembru 2024), in-Norveġja (it-28 ta' Mejju 2024), il-Moldova (il-21 ta' Mejju 2024).

Sfidi u opportunitajiet li jirriżultaw mill-politika tal-UE dwar id-difiża li qed tevolvi

L-iżvilupp ta' kapaċitajiet tad-difiża.

Mument kruċjali għall-EDTIB

55 L-aġenda politika tal-UE għal wara l-2022 tirrappreżenta punt tat-tluq għall-EDTIB. Fattur ewlieni huwa ż-żieda notevoli fl-infiq fid-difiża fl-Istati Membri kollha (il-paragrafu 32). Din iż-żieda fid-domanda toħloq ftuħ strutturali għall-industrija tad-difiża Ewropea biex tespandi l-kapaċità tal-produzzjoni tagħha, iżżid l-investiment fir-riċerka u l-iżvilupp u tnaqqas id-dipendenzi strateġiċi fuq il-fornituri mhux Ewropej. Barra minn hekk, l-integrazzjoni tal-aspetti tad-difiża u ta' użu doppju f'oqsma oħra bħall-intelliġenza artifiċjali u t-teknoloġiji kwantistiċi għandha l-potenzjal li tagħti spinta lill-progress tal-UE u tnaqqas id-dipendenzi fuq pajjiżi mhux tal-UE. Il-kunflitti reċenti fil-Lvant Nofsani qajmu tħassib dwar il-kapaċità tal-Istati Uniti li jipprovdu armi lill-Istati Membri tal-UE u lill-Ukrajna fil-ħin, minħabba t-tnaqqis sinifikanti tal-ħażniet tagħhom stess. Dan jista' jwassal biex l-UE tnaqqas id-dipendenza tagħha fuq fornituri mhux tal-UE, b'mod partikolari dawk ibbażati fl-Istati Uniti⁶².

56 Minbarra ż-żieda fin-nefqa tal-Istati Membri fid-difiża, il-finanzjament mill-UE jsir disponibbli permezz ta' strumenti differenti (il-paragrafu 36) biex jinċentiva l-kooperazzjoni transfruntiera u l-akkwist kollaborattiv bejn l-industriji tad-difiża nazzjonali tal-Istati Membri, filwaqt li jhegħġiġhom jiffunzjonaw dejjem aktar bħala unità sħiħa koerenti u interoperabbli (integrazzjoni tal-EDTIB). Għall-ewwel darba, l-iżvilupp u l-integrazzjoni tal-EDTIB huma objettiv ewlieni tal-qafas strateġiku industrijali u ta' sigurtà Ewropew.

⁶² Luigi Scazzieri u Giuseppe Spatafora, [Assessing the damage: What the Iran war really means for Europe's defence](#), l-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji fuq is-Sigurtà, id-9 ta' April 2026.

Għan ambizzjuż biex tinkiseb il-prontezza tad-difiża sal-2030

57 Minkejja l-pjanijiet ambizzjużi tal-UE (il-paragrafu [27–31](#)), l-ilħuq tal-għan tal-prontezza tad-difiża sal-2030 jikkostitwixxi sfida. Filwaqt li tirrikonoxxi li l-UE tista' tagħmel progress sostanzjali lejn dan il-għan sal-2030 (kif muri miż-żieda fl-infiq fid-difiża u l-espansjoni rapida tal-produzzjoni tal-munizzjon), gruppi ta' riflessjoni u analisti tad-difiża jenfasizzaw b'mod konsistenti r-restrizzjonijiet ewlenin li għaddejjin: sistemi nazzjonali frammentati, konġestjonijiet industrijali, koordinazzjoni politika bil-mod u dipendenza kontinwa fuq l-Istati Uniti. Filwaqt li l-UE u l-Istati Membri tagħha jistgħu gradwalment isiru atturi aktar b'saħħithom fi ħdan in-NATO, il-ksib ta' awtonomija strateġika u l-kapaċità li jiġu sostnuti b'mod indipendenti operazzjonijiet militari ta' intensità għolja sal-2030 se jikkostitwixxu sfida⁶³. Ir-rapport annwali dwar il-prontezza tad-difiża, mistenni f'Ottubru 2026, se jipprovdi l-ewwel sett ta' informazzjoni dwar il-progress u s-sitwazzjoni attwali.

58 Għalkemm il-baġits tad-difiża żdiedu, dawn iż-żidiet xorta jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jintlaħqu l-għanijiet mixtieqa. Pereżempju, f'qasam bħall-mobbiltà militari, fejn issa twettqet valutazzjoni tal-lakuni fil-kapaċitajiet, il-finanzjament disponibbli tal-UE għadu limitat fir-rigward tal-ħtiġijiet identifikati. Skont id-dikjarazzjoni tal-Kummissarju Kubilius f'Marzu 2025⁶⁴, ir-rekwiżiti ta' investiment għall-adattament tal-infrastruttura tat-trasport għall-istandards militari jammontaw għal madwar EUR 70 biljun — filwaqt li EUR 1.7 biljun biss ġew allokati taħt il-FNE għall-perjodu 2021–2027, u l-baġit propost għall-perjodu 2028–2034 huwa ta' EUR 17.7-il biljun. Fl-[Opinjoni tagħna dwar l-EDIP](#), enfasizzajna r-riskju li l-baġit propost ta' EUR 1.5 biljun jaf ma jkunx proporzjonat mal-oġettivi tal-proposta.

⁶³ [Progress and Shortfalls in Europe's Defence: An Assessment](#), International Institute for Strategic Studies, Settembru 2025.

⁶⁴ Briefing mill-EPRS, [Military mobility](#), Lulju 2025.

59 Il-klawżoli ta' preferenza tal-UE (il-paragrafu **40**) għandhom l-għan li jnaqqsu d-dipendenzi strateġiċi u jibnu reżiljenza industrijali fit-tul fi ħdan l-EDTIB. Madankollu, kif osserva r-rapport tal-2024 dwar ir-Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża, ħafna Stati Membri rrikorrew għal manifatturi mhux Ewropej fil-perjodu 2022–2023 biex jindirizzaw malajr il-lakuni fil-kapaċitajiet minħabba li l-EDTIB kienet perċepita bħala nieqsa mill-kapaċità u kellha żminijiet itwal meħtieġa għall-eżekuzzjoni. Rekwiżiti stretti tal-akkwist jistgħu jdewmu l-proċessi tal-akkwist u jżidu l-kostijiet preċiżament meta l-prontezza operazzjonali tkun l-aktar urġenti. Akkwizzizzjonijiet kummerċjalment disponibbli minn fornituri mhux Ewropej jistgħu jwasslu għal riżultati aktar rapidi u b'kost aktar baxx fuq terminu qasir. Madankollu, dawn jista' jkollhom ukoll impatt negattiv għal żmien twil fuq il-koerenza ġenerali u l-iżviluppi futuri tal-forzi armati tal-UE, filwaqt li jirreplikaw problemi ta' interoperabbiltà, u joħolqu riskji ta' dipendenza u sigurtà tal-provvista. L-isfida ewlenija, kif jissottolinja r-rapport tal-CARD, hija li jinstab il-bilanċ it-tajjeb bejn il-prijoritajiet operazzjonali għal żmien qasir u l-investimenti strateġiċi għal żmien twil.

Nuqqas ta' proċess armonizzat tal-ippjanar tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet tal-UE

60 Skont l-EDA, l-ippjanar tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet huwa proċess immexxi mill-Istati Membri biex jistabbilixxu l-forzi u t-tagħmir militari meħtieġa biex jilħqu l-oġettivi tagħhom jew biex jiġġieldu t-tgħdid. L-UE ma għandhiex proċess ta' ppjanar komprensiv komuni lil hinn mill-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK, iżda diversi għodod ta' koordinazzjoni huma mmaniġġjati fil-livell intergovernattiv biex jiffaċilitaw l-iżvilupp kollaborattiv tal-kapaċitajiet bejn l-Istati Membri (il-**Kaxxa 6**).

Kaxxa 6

Għodod għall-ippjanar tal-iżvilupp tal-kapaċitajiet rilevanti għall-UE

Ilkoordinat mill-EUMS, il-Mekkaniżmu ta' Żvilupp tal-Kapaċitajiet (CDM) ġie stabbilit fl-2003 bħala proċess immexxi mill-militar biex jiġu identifikati r-rekwiżiti militari meħtieġa ħalli jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-UE għall-missjonijiet u l-operazzjonijiet tal-PSDK. Is-CDM għaddej minn reviżjoni biex jiġi żviluppat il-Proċess tal-Ippjanar tal-Kapaċitajiet tad-Difiża tal-UE, maħsub biex isir il-qafas standard tal-UE għall-ippjanar tal-kapaċitajiet. Dan għandu l-għan li jappoġġa l-identifikazzjoni tan-nuqqasijiet fil-kapaċità militari lil hinn mill-fokus tal-PSDK, filwaqt li jkopri l-ħtiġijiet l-aktar urġenti tal-Istati Membri għall-ispettru sħiħ tal-operazzjonijiet.

L-EDA ilha tipproduċi u taġġorna [pjan ta' żvilupp tal-kapaċitajiet](#) mill-2008, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u b'kontributi mill-Kumitat Militari tal-Unjoni Ewropea u l-EUMS. Il-pjan jipprovdi stampa tal-kapaċitajiet militari Ewropej u jgħin lill-pjanifikaturi tad-difiża tal-Istati Membri jidentifikaw il-prijoritajiet u l-opportunitajiet għall-kooperazzjoni.

Imniedi fl-2017, ir-[Rieżami Annwali Koordinat dwar id-Difiża](#) huwa ċiklu ta' sentejn li jipprovdi lill-Istati Membri stampa ġenerali u analiżi tax-xenarju tad-difiża tal-UE, u jipproponi rakkomandazzjonijiet għal opportunitajiet kollaborattivi fl-iżvilupp u l-akkwist tal-kapaċitajiet. Dan jitwettaq mill-EDA, f'kooperazzjoni mas-SEAE u mal-Istati Membri.

Il-[proċess tal-ippjanar tad-difiża tan-NATO](#) huwa proċess strutturat u rikorrenti, ibbażat fuq għanijiet komuni u xenarji operazzjonali biex jiġu ddeterminati u allokatil-kapaċitajiet li l-alleanzi jeħtieġu. Dan il-proċess japplika għall-Istati Membri tal-UE li huma wkoll alleati tan-NATO.

61 L-aġġornament tal-2023 tal-pjan ta' żvilupp tal-kapaċitajiet identifika 22 prijorità ewlenija. Dawn ivarjaw minn lakuni "tradizzjonali" fil-faċilitaturi strateġiċi (bħar-riforniment ta' fjuwil fl-ajru, il-kmand u l-kontroll) li għalihom id-dipendenza fuq fornituri mhux tal-UE hija sostanzjali, għal lakuni identifikati ġodda evidenzjati mill-kundizzjonijiet tal-gwerra osservati fl-Ukrajna (bħal droni bi prezz baxx u sistemi ta' difiża tal-ajru).

62 B'mod differenti mill-proċess ta' ppjanar minn fuq għal isfel tan-NATO, l-ippjanar tal-kapaċitajiet fl-UE la huwa ċikliku u lanqas lineari, iżda fil-biċċa l-kbira jsegwi loġika minn isfel għal fuq, bl-Istati Membri jidentifikaw il-ħtiġijiet tagħhom stess. L-esperti nnutaw li l-ebda dokument disponibbli għall-pubbliku ma jispjega bis-sħiħ il-proċess⁶⁵, u li l-ippjanar tad-difiża kien baqa' mwaħħal f'livell nazzjonali, minflok f'livell Ewropew⁶⁶. Dan jista' jwassal għal investimenti frammentati, duplikazzjoni jew lakuni kontinwi fil-kapaċitajiet. Għalhekk, l-isfida tinsab fit-tmexxija tal-infiq nazzjonali lejn prijoritajiet miftiehma b'mod kollettiv, u fl-isforzi biex ir-riżorsi żgur jiġu diretti lejn it-tnaqqis tal-aktar lakuni kritiċi għall-prontezza tad-difiża Ewropea kollha kemm hi. Fir-[Rapport Analitiku tagħna tal-2019 dwar id-difiża tal-UE](#), enfasizzajna n-nuqqas ta' proċess ta' ppjanar effettiv tal-UE bħala riskju għall-prestazzjoni assoċjat mal-programmi tad-difiża tal-UE.

63 Il-pjan direzzjonali għall-prontezza tad-difiża 2030 isemmi disa' "oqsma ta' kapaċità ta' prijorità inizjali". Dan jirrikonoxxi wkoll il-ħtieġa ta' approċċ aktar sistemiku li jirnexxielu jbidel il-prijoritajiet kondiviżi f'deċiżjonijiet nazzjonali kkoordinati u output industrijali. Għal dak l-għan, huwa jiddikjara li l-EUMS qed iwettaq ħarsa ġenerali klassifikata biex jipprovd i għarfien dwar in-nuqqasijiet fil-kapaċità, li se tiġi aġġornata fuq bażi annwali. Dan se jikkontribwixxi għall-oqfsa eżistenti tal-ippjanar tad-difiża tal-EDA bħar-rieżami annwali koordinat dwar id-difiża⁶⁷. Fiż-żmien li qed jinkiteb dan id-dokument, dan il-proċess il-ġdid kien għadu ma ġiex formalizzat.

⁶⁵ [European capability development planning](#), EPRS, Marzu 2024.

⁶⁶ [The Coordination problem in European Defence planning](#), Egmont Royal Institute for International Relations, l-10 ta' Novembru 2021.

⁶⁷ [The EU's Defence Readiness 2030 Roadmap: Ambition and constraints](#), iċ-Ċentru għar-Riforma Ewropea.

Sfidi marbuta mal-finanzjament

Żieda fil-baġits f'perjodu ta' żmien limitat

64 Filwaqt li żieda fil-finanzjament tista' tippreżenta opportunitajiet għall-industrija, din iġġib magħha wkoll riskji. L-Istati Membri qed jagħtu spinta rapida lill-infiq tagħhom fid-difiża biex jilħqu l-miri stabbiliti minn organizzazzjonijiet bħan-NATO (il-[Figura 4](#)), minbarra l-parametri referenzjarji nazzjonali tagħhom stess. Madankollu, dawn il-miri ffukati fuq l-input ma għandhomx rekwiżiti ta' prestazzjoni u ma jallinjawx mal-prinċipji tal-ekonomija, tal-effiċjenza jew tal-effettività⁶⁸. Dan l-approċċ jista' jwassal għal nefqa oġġla li jista' jkollha biss impatt limitat fuq il-lakuni fil-kapaċitajiet li jeżistu. Fil-kuntest tas-sigurtà attwali li qed jevolvi malajr, dan jista' wkoll jagħti prijorità lill-ħtiġijiet operazzjonali immedjati fuq investimenti strateġiċi għal żmien twil, kemm billi jitbiegħed mill-akkwist kollaborattiv intra-UE kif ukoll billi potenzjalment ikompli jżid id-dipendenza fuq it-tagħmir tad-difiża minn fornituri mhux tal-UE.

65 Kif imsemmi fil-paragrafu [42](#), 18-il Stat Membru attivaw l-NEC għal infiq addizzjonali fid-difiża. L-analiżi mwettqa mill-Bank Ċentrali Ewropew⁶⁹ turi li hemm riskju li d-dejn tal-gvern jieħu aktar żmien biex jonqos minħabba din l-attivazzjoni tal-NEC. Diġà fl-2018, irrappurtajna dwar ir-riskju li l-konverġenza lejn il-miri tad-dejn pubbliku tista' ma tintlaħaqx minħabba l-użu estensiv tas-setgħat diskrezzjonali u tal-klawżoli ta' flessibbiltà tal-Kummissjoni⁷⁰.

⁶⁸ [Is EU defence ready to secure peace?](#) Il-Ġurnal tal-QEA 02/2025 (pp. 57–62).

⁶⁹ [Medium-term fiscal-structural plans under the revised Stability and Growth Pact](#), il-Bank Ċentrali Ewropew, Marzu 2025.

⁷⁰ [Ir-Rapport Speċjali 18/2018](#): “L-oġettiv prinċipali tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir qiegħed jintlaħaq?”

66 Iż-żieda fil-baġits tas-settur tad-difiża trid titqies fil-kuntest tal-inflazzjoni tal-kost tad-difiża, li spiss taqbeż ir-rati ġenerali tal-inflazzjoni. Anke żidiet sinifikanti fil-baġits jistgħu jrendu biss gwadanji modesti fit-titjib tal-kapaċità reali⁷¹. Ir-rata ta' inflazzjoni komparattivament ogħla hija xejra għal żmien twil, karatteristika tas-settur tad-difiża, u l-għeruq tagħha jinsabu fil-kompetizzjoni teknoloġika li sserraħ ħafna fuq l-innovazzjoni. Dan ifisser li anke għal baġit tad-difiża li qed jiżdied jew kostanti, ir-rata ta' inflazzjoni relattivament għolja tista' tfixxkel il-kapaċità tal-akkwist tal-Istati Membri⁷².

67 Barra minn hekk, żieda fil-baġits toħloq ċerti ostakli li jistgħu jagħmluha diffiċli li jintużaw il-fondi allokat. L-aċċess affidabbli għall-materjali, għall-komponenti ewlenin u għall-persunal mħarreġ huwa vitali għall-industrija tad-difiża biex tassorbi ż-żieda fil-fondi. Is-sigurtà tal-provvista hija kruċjali, b'mod partikolari fi żminijiet ta' kriżi⁷³. L-innovazzjoni tiddependi fuq aċċess affidabbli għall-materjali u għall-komponenti għall-industrija⁷⁴. Barra minn hekk, l-industrija tad-difiża tbat kemm biex tattira kif ukoll biex iżomm persunal kwalifikat, u qed tiffaċċja kompetizzjoni ħarxa għat-talent mis-settur ċivili. Il-proċeduri tal-approvazzjoni tas-sigurtà — bħar-rekwiżiti taċ-ċittadinanza — mhux biss jirrestrinġu l-moviment fl-UE iżda jfixx wkoll l-aċċess għar-riżervi ta' talent globali⁷⁵. Sakemm dawn il-kundizzjonijiet strutturali ma jiġux issodisfati, il-fondi allokat jaf ma jissarrfux f'nefqa.

⁷¹ [NATO's new spending target: challenges and risks associated with a political signal](#), l-Istitut Internazzjonali ta' Riċerka dwar il-Paċi ta' Stokkolma.

⁷² [C\(2024\) 4822](#), dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni għal Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea.

⁷³ [Guidance note — Security of supply](#), l-Aġenzija Ewropea għad-Difiża.

⁷⁴ [COM\(2025\) 845](#), Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan Direzzjonali għat-Trasformazzjoni tal-Industrija tad-Difiża tal-UE.

⁷⁵ *Ibid.*

Implikazzjonijiet finanzjarji tas-self tal-UE

68 L-UE qed tuża dejjem aktar self appoġġat mill-baġit tal-UE. Fil-qasam tad-difiża, hemm l-istrument SAFE ta' EUR 150 biljun (il-paragrafu **38**) u s-self ta' EUR 90 biljun biex tiġi appoġġata l-Ukrajna (li minnhom EUR 60 biljun huma għad-difiża) (il-paragrafu **48**). Għal self bħal dan, il-Kummissjoni tissellef il-fondi meħtieġa fis-swieq kapitali. Wissejna ripetutament li, fin-nuqqas ta' provizzjonament, kwalunkwe telf relatat mas-self se jkollu jiġi kopert mill-marġni tal-baġit tal-UE magħruf bħala "marġni ta' manuvra"⁷⁶. Dan jista' potenzjalment jirriżulta f'sejħa għal kontribuzzjonijiet addizzjonali mill-Istati Membri. Barra minn hekk, is-self li huwa appoġġat minn dan il-marġni baġitarju qed ikompli jiżdied, u dan ipoġġi saħnsitra aktar pressjoni fuq il-marġni ta' manuvra. F'dan il-kuntest, fl-[Opinjoni 04/2026](#) tagħna, innutajna li l-Kummissjoni jaf ikollha bżonn tivvaluta mill-ġdid jekk il-limitu massimu tar-riżorsi proprji li għadu kif ġie propost ta' 1.8 % fil-qafas tal-QFP 2028–2034 il-ġdid ikunx għadu adegwat.

Strumenti ta' finanzjament multipli

69 Għall-perjodu 2028–2034, il-Kummissjoni ppreżentat baġit ta' madwar EUR 125 biljun fi ħdan il-[FEK propost](#) għar-reżiljenza u s-sigurtà, l-industrija tad-difiża, u t-tieqa ta' politika spazjali. Anke fin-nuqqas ta' tqassim indikattiv skont is-sottopolitika u s-sottokomponent, dan jirrappreżenta b'mod ċar żieda sinifikanti li tikkonferma d-direzzjoni strateġika tal-UE fil-qasam tad-difiża. Il-FEK se jiġbor flimkien l-erba' strumenti (l-ASAP, l-EDF, l-EDIRPA u parti mill-EDIP) taħt programm wieħed, u b'hekk ikopri l-fażijiet kollha taċ-ċiklu tal-investment.

70 Kif innutajna fl-[Opinjoni 01/2026](#) tagħna, diversi awditi li wettaqna identifikaw nuqqasijiet fil-koordinazzjoni bejn il-flussi ta' finanzjament tal-UE u dawk nazzjonali. Skont il-proposta attwali, il-FEK jikkoeżisti ma' strumenti oħra tal-UE li jappoġġaw l-istess setturi u tipi simili ta' investment, bħall-[Fond Ewropew](#) u l-FNE. Innutajna li xi investimenti, bħal fil-mobbiltà militari, ukoll huma eliġibbli għal finanzjament taħt strumenti oħra tal-UE. Għalhekk, tibqa' sfida li l-fondi tal-UE jiġu mmirati kif xieraq, li żgur ikun hemm komplementarjetà u li jiġi evitat it-trikkib mal-istrumenti ta' finanzjament nazzjonali.

⁷⁶ L-[Opinjoni 07/2026](#) dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Ewropa Globali, il-paragrafu 66.

Mekkaniżmi ta' finanzjament ġodda

71 Ir-Regolament Finanzjarju jipprevedi l-implimentazzjoni tal-istrumenti ta' finanzjament mill-UE bl-użu ta' mudell tal-implimentazzjoni magħruf bħala finanzjament mhux marbut mal-kostijiet (FNLC)⁷⁷, li inizjalment ġie introdott fuq skala kbira fl-2021 permezz tal-RRF, u minn dak iż-żmien l-hawn ġie applikat ukoll fl-EDIRPA u fl-EDIP. L-ASAP juża somom f'daqqa bbażati fuq stimi tal-kostijiet, li huma, essenzjalment, simili għall-approċċ tal-FNLC. Skont il-proposta tal-Kummissjoni għall-QFP 2028–2034, il-FEK (il-paragrafu 39) se jserraħ ħafna wkoll fuq il-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet. Il-FNLC jorbot il-pagamenti mal-issodisfar ta' kundizzjonijiet speċifiċi jew it-twassil tar-riżultati, aktar milli mal-kostijiet reali mġarrba. Ir-[Rapport Analitiku tagħna dwar it-tagħlimiet li għandhom jittieħdu mill-RRF](#) żvela dgħufijiet u sfidi assoċjati mal-introduzzjoni tal-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet, inkluż in-nuqqas ta' miri u stadji importanti ċari, u b'hekk illimita l-“approċċ ibbażat fuq il-prestazzjoni” tal-programm, u wassal għal riskju akbar ta' finanzjament doppju. Barra minn hekk, il-fatt li l-Kummissjoni ma kinitx ġabret informazzjoni dwar il-kostijiet reali kien ifisser li l-effiċjenza ma setgħetx titkejjel fl-RRF. Għalhekk, it-trasparenza u l-akkontabbiltà ta' programmi bħall-EDIP u l-EDIRPA se jiddependu fuq kif jiġi operazzjonalizzat l-FNLC. It-tħassib imsemmi hawn fuq huwa estremament rilevanti meta l-finanzjament mhux marbut mal-kostijiet jiġi estiż għall-qasam sensitiv tad-difiża, fejn l-aċċess għall-evidenza huwa ristrett minħabba informazzjoni klassifikata. Informazzjoni limitata dwar il-kostijiet sottostanti tista' toħloq ukoll sfidi prattiċi għall-verifika u l-konferma tal-konformità ma' ċerti klawżoli ta' preferenza tal-UE (l-[Anness II](#)).

⁷⁷ L-Artikolu 125(1) tar-[Regolament \(UE, Euratom\) 2024/2509](#) (ir-Regolament Finanzjarju).

Approċċi ġodda għall-kooperazzjoni u għall-preparatezza fil-qasam tad-difiża tal-UE

72 Mudelli ġodda ta' kooperazzjoni qed isawru mill-ġdid ix-xenarju tad-difiża tal-UE. Il-PESCO tfasslet biex issaħħaħ il-kollaborazzjoni transfruntiera fil-qasam tad-difiża bejn l-Istati Membri (il-paragrafu [24](#)), iżda l-Kunsill "jenfasizza l-ħtieġa għal titjib fil-kwalità tal-proġetti"⁷⁸, u l-esperti jinnutaw li l-PESCO tista' tkun aktar utli u vizibbli⁷⁹. F'Novembru 2024⁸⁰, biex jissaħħaħ ir-rwol ċentrali tal-PESCO, il-Kunsill irrakkomanda t-tiġi tar-rabtiet bejn il-PESCO u l-istrumenti b'appoġġ għall-EDTIB (pereżempju, l-EDF u l-EDIP). Ir-[Rapport ta' Progress tal-Proġetti PESCO 2025](#) jenfasizza kif dawn il-proġetti jistgħu jikkontribwixxu għall-implimentazzjoni tal-aġenda tal-prontezza tad-difiża. B'mod parallel, ir-[raggruppamenti tad-difiża](#) barra mill-qafas tal-UE kisbu *momentum*, li jippermetti lil gruppi ta' Stati jiġbru flimkien ir-riżorsi u jiżviluppaw kapaċitajiet speċifiċi (il-[Kaxxa 7](#)). Fil-[Pjan Direzzjonali għall-Prontezza tad-Difiża 2030](#), il-Kummissjoni u r-RGħ/VP jappellaw ukoll lill-Istati Membri biex jiffurmaw [koalizzjonijiet tal-kapaċitajiet](#) biex jagħlqu l-lakuni kritiċi eżistenti fil-kapaċitajiet. F'Lulju 2026, wara sejħa għal espressjoni ta' interess lill-Istati Membri, il-Kummissjoni [pproponiet ħames proġetti industrijali fuq skala kbira](#) (proġetti Ewropej tad-difiża ta' interess komuni) li jiffukaw fuq l-oqsma ta' prijetà li ġejjin: id-droni u sistemi kontra d-droni; id-difiża marittima u ta' qiegħ il-baħar; l-ispazju; id-difiża tal-ajru u kontra l-missili; kif ukoll it-tiġi tas-sigurtà tul in-Naħa tal-Lvant tal-UE.

⁷⁸ [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami Strateġiku tal-PESCO](#), it-18 ta' Novembru 2024.

⁷⁹ Maxime Cordet, [EU Defence Series: PESCO Must Step Up](#), International Centre for Defence and Security, is-7 ta' Marzu 2025.

⁸⁰ [Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar ir-Rieżami Strateġiku tal-PESCO](#), it-18 ta' Novembru 2024.

Kaxxa 7

Eżempji ta' Stati Membri li jikkooperaw fi gruppi żgħar

Kuritur tat-trasport militari PL–DE–NL: [inizjattiva trilaterali mnedija f'Jannar 2024](#) bejn il-Polonja, il-Ġermanja u n-Netherlands, imfassla biex ittejjeb il-moviment rapidu tal-forzi tan-NATO u tal-UE fl-Ewropa kollha. Fl-2025, serva bħala bażi għal format usa' ta' kooperazzjoni reġjonali li jinvolvi pajjiżi addizzjonali⁸¹ permezz taż-Żona ta' Mobbiltà Militari tal-Ewropa tat-Tramuntana Ċentrali.

Il-koalizzjoni ta' vetturi blindati u ta' manuvrabbiltà għall-Ukrajna: imnedija mill-Polonja u l-Ġermanja f'Marzu 2024, bil-parteċipazzjoni ta' diversi pajjiżi tan-NATO u tal-UE. Din il-koalizzjoni tiffoka fuq l-isforzi biex żgur issir manutenzjoni u tiswija, jitħarreġ il-persunal u tiġi żviluppata duttrina operazzjonali għall-użu ta' vetturi armati.

Il-kooperazzjoni navali bejn il-Belġju u n-Netherlands, li tinkludi l-akkwist ikkoordinat, it-taħriġ u l-manutenzjoni konġunti, u l-kmand kondiviż. Wieħed mill-proġetti ta' kooperazzjoni reċenti tagħhom (2023) jinvolvi l-akkwist konġunt ta' [frejgati tal-gwerra kontra s-sottomarini](#)^{82, 83}.

73 L-UE qed tuża wkoll modi innovattivi biex tappoġġa lill-Ukrajna. Permezz tal-istrument barra l-baġit tagħha, l-EPF, l-UE tat għajnuna militari lill-Ukrajna filwaqt li rrispettat l-Artikolu 41(2) TUE (il-paragrafu [23](#)). Barra minn hekk, il-missjoni ta' taħriġ militari EUMAM Ukraine (il-[Kaxxa 5](#)) hija l-ewwel missjoni ta' taħriġ militari tal-PSDK fit-territorju tal-UE u sservi bħala mudell potenzjali għal missjonijiet futuri tal-PSDK⁸⁴⁸⁵. Aktar reċentement, taħt l-EDIP, l-UE stabbiliet Strument ta' Appoġġ għall-Ukrajna ddedikat li huwa mfassal biex jappoġġa l-integrazzjoni gradwali tal-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża tal-Ukrajna fl-ekosistema tal-industrija tad-difiża Ewropea.

⁸¹ Il-Belġju, il-Litwanja, il-Lussemburgu, is-Slovakkja, iċ-Ċekja.

⁸² [What Are the Main Drivers of Member States' Defence Procurement Practices? The Dutch Case](#), ARES, Ottubru 2024.

⁸³ [The power of the few: How clusters can strengthen European defence](#), l-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji fuq is-Sigurtà, l-20 ta' Frar 2026.

⁸⁴ Davide Genini, [How the war in Ukraine has transformed the EU's Common Foreign and Security Policy](#), *Yearbook of European Law*, 2025.

⁸⁵ [Into the breach! EU military CSDP missions and operations](#), l-Istitut tal-Unjoni Ewropea għall-Istudji fuq is-Sigurtà, is-7 ta' Marzu 2024.

74 Is-sħubijiet man-NATO u l-koordinazzjoni mas-sħab — speċjalment permezz ta' sħubijiet għas-sigurtà u d-difiża (il-paragrafi [51–54](#)) — ikomplu jespandu l-firxa strateġika tal-UE. L-inċertezza dejjem tikber dwar l-impenji ta' sigurtà tal-Istati Uniti mill-2024, inklużi sinjali ta' appoġġ kundizzjonali tan-NATO u żieda fit-trasferiment tal-piżijiet, saħħet l-isforz tal-UE biex issaħħaħ l-awtonomija strateġika⁸⁶. Din iż-żieda fl-ambizzjoni fid-difiża u ż-żieda rapida tal-kapaċitajiet jistgħu jsaħħu r-relazzjoni bejn l-UE u n-NATO. Il-miri tal-infiq fid-difiża tan-NATO qed jixprunaw żidiet sinifikanti fil-baġits tal-Istati Membri, filwaqt li l-inizjattivi tal-UE fil-kapaċità tad-difiża u dik industrijali jappoġġaw it-tweqqiġ tal-għanijiet tal-kapaċità tan-NATO⁸⁷. B'mod partikolari, il-miri aġġornati tal-infiq fid-difiża tan-NATO (il-paragrafu [33](#)) jallinjaw mill-qrib mal-enfasi akbar tal-UE fuq il-preparatezza għad-difiża.

75 L-isfidi moderni tad-difiża ma għadhomx limitati għall-qasam militari. L-UE tilqa' dejjem aktar “approċċ min-naħa tas-soċjetà kollha”, li jintegra d-difiża mal-protezzjoni ċivili, iċ-ċibersigurtà, l-ispazju, it-teknoloġiji b'użu doppju u l-infrastruttura kritika (il-paragrafi [16](#) u [30](#)). L-istrateġija għal unjoni tal-preparatezza (2025) tippromwovi b'mod espliċitu r-reżiljenza billi tinvolvi liċ-ċittadini, lill-komunitajiet, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lill-akkademja u lis-settur privat — flimkien mal-atturi tradizzjonali tad-difiża. Dan l-approċċ joħloq opportunitajiet biex jitrawmu l-innovazzjoni, l-iżvilupp industrijali u s-sigurtà komprensiva, iżda jikkostitwixxi wkoll sfida minħabba l-frammentazzjoni fl-Istati Membri kollha, il-kapaċitajiet ta' reżiljenza mhux uniformi, u l-ħtieġa ta' koordinazzjoni kumplessa fl-oqsma ta' politika, l-atturi u l-livelli ta' governanza⁸⁸.

⁸⁶ European defence, strategic autonomy and NATO, EPRS, Frar 2024.

⁸⁷ NATO Defense Spending Tracker, il-Kunsill tal-Atlantiku.

⁸⁸ Horan H., Vandoren P., Fiott D. u Feldhusen J., *Assessing Europe's Resilience and Preparedness in an Era of Strategic Risks*, The Hague Centre for Strategic Studies, Dicembru 2025.

Arranġamenti kumplessi ta' governanza u akkontabbiltà

Qafas istituzzjonali u governanza li qed jevolvu

76 Il-politika tal-UE dwar id-difiża hija kkaratterizzata minn qafas istituzzjonali kumpless⁸⁹ u struttura ta' governanza b'diversi livelli, li jikkombinaw inizjattivi fil-livell tal-UE ma' teħid ta' deċiżjonijiet fil-biċċa l-kbira nazzjonali (il-paragrafi **20–22** u **47**). Din is-sistema ibrida, li tinvolvi kemm elementi supranazzjonali kif ukoll intergovernattivi, toħloq sfidi sinifikanti ta' koordinazzjoni fost l-atturi differenti, u żżid ir-riskju ta' responsabbiltajiet li jikkoinċidu u diviżjoni mhux ċara tal-kompetenzi. Kif enfasizzat f'diversi okkażjonijiet mill-Parlament Ewropew, il-garanzija ta' koerenza u arranġamenti ċari ta' governanza tibqa' sfida ewlenija⁹⁰.

77 Fir-**Rapport Speċjali tagħna dwar il-mobbiltà militari**, osservajna problemi simili u rrakkomandajna li jittejbu l-arranġamenti ta' governanza għall-mobbiltà militari fl-UE billi tiġi ssimplifikata l-koordinazzjoni bejn l-UE, l-Istati Membri u partijiet ikkonċernati oħra. Irrakkomandajna wkoll li jissaħħu s-sinerġiji u l-interazzjoni eżistenti bejn l-EDA, il-proġetti PESCO, il-Kummissjoni u s-SEAE biex jiġi minimizzat ir-riskju ta' trikkib. Fil-qafas tal-FEK, il-Kummissjoni tipproponi li tistabbilixxi diversi korpi konsultattivi iżda ma komplix tiċċara r-responsabbiltajiet tagħhom jew il-koordinazzjoni bejniethom. Fl-**Opinjoni tagħna dwar il-FEK**, enfasizzajna r-riskju għall-governanza kumplessa u l-akkontabbiltà.

⁸⁹ Ir-**Rapport Analitiku 09/2019**: “Difiża Ewropea”.

⁹⁰ Ir-**Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-12 ta' Marzu 2025** dwar il-White Paper dwar il-futur tad-difiża Ewropea; ir-**rapport tal-Parlament Ewropew dwar l-implimentazzjoni tal-PSDK**.

78 L-espansjoni rapida tal-inizjattivi tad-difiża tal-UE mill-2021 żiedet b'mod sinifikanti r-responsabbiltajiet tad-DĠ DEFIS tal-Kummissjoni, li jimmaniġġja l-istrumenti ewlenin tad-difiża tal-UE msemmija hawn fuq (l-EDF, l-ASAP, l-EDIRPA, is-SAFE u l-EDIP). Dan il-portafoll varjat u li qed jespandi jirrikjedi li l-Kummissjoni tittratta l-ġestjoni kumplessa tal-programmi, il-koordinazzjoni mal-Istati Membri u l-industrija, u l-oġettivi tal-politika industrijali li qed jevolvu. L-akkumulazzjoni ta' strumenti ta' emerġenza u ta' terminu medju u twil iżżid il-kumplessità operazzjonali. Din jaf toħloq ukoll pressjoni fuq il-mekkaniżmi ta' koordinazzjoni u l-proċeduri stabbiliti għall-kontroll finanzjarju u għall-monitoraġġ tal-prestazzjoni, speċjalment minħabba r-riżorsi limitati tal-persunal tad-DĠ DEFIS. F'Jannar 2026⁹¹, b'286 membru tal-persunal (209 fl-2023, li minnhom 48 % ma kinux permanenti⁹²), id-DĠ DEFIS kien jirrappreżenta 0.9 % tal-persunal totali tal-Kummissjoni (0.6 % fl-2023⁹³), ferm inqas mill-biċċa l-kbira tad-direttorati l-oħra. [Fir-Rapport Speċjali tagħna tal-2023 dwar l-azzjoni preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-difiża](#) sibna li, fl-analiżi li wettaq tal-ħtiġijiet tal-persunal għall-perjodu 2021-2027 għall-implimentazzjoni tal-EDF, id-DĠ DEFIS enfasizza r-riskju ta' nuqqas ta' kapaċità għall-evalwazzjoni xierqa tal-proposti u għall-ġestjoni tajba tal-proġetti jekk ma jiksibx il-postijiet meħtieġa.

⁹¹ Key Figures on Commission Staff, l-1 ta' Jannar 2026.

⁹² Ir-Rapport Speċjali 24/2024: "l-Ċivil tal-UE — Qafas flessibbli tal-impjieg, li ma jintużax suffiċjentement biex itejjeb il-ġestjoni tal-forza tax-xogħol".

⁹³ HR key figures, il-Kummissjoni Ewropea, 2023.

79 Lil hinn mid-DĠ DEFIS, ħafna direttorati ġenerali differenti tal-Kummissjoni jistgħu jkunu involuti f'suġġetti relatati mad-difiża fuq bażi *ad hoc*, bħad-Direttorat Ġenerali għall-Politika Reġjonali u Urbana (DĠ REGIO) meta l-fondi ta' koeżjoni jiġu diretti mill-ġdid lejn id-difiża. Fil-qasam tal-mobbiltà militari hemm tliet Direttorati Ġenerali⁹⁴, kif ukoll is-Segretarjat Ġenerali tal-Kummissjoni u l-[aġenzija eżekuttiva CINEA](#). Minħabba l-konfini mhux ċari bejn is-sigurtà u d-difiża, diversi direttorati ġenerali addizzjonali huma kkonċernati wkoll minn kwistjonijiet bħall-preparatezza u ċ-ċibersigurtà. Il-kapaċità tal-Kummissjoni li twassal riżultati effettivi konsegwentement tiddependi mill-kapaċità tagħha li tipprijorizza, tissimplifika l-proċessi, u tara li jkun hemm koerenza fl-istrumenti kollha, kif ukoll li tiddelega meta jkun meħtieġ (pereżempju, permezz ta' ġestjoni indiretta). Kif indikajna fir-Rapport Speċjali tagħna dwar l-azzjoni preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-difiża, "L-użu ta' ġestjoni indiretta, eż. mill-EDA u l-OCCAR, li diġà ġie ttestjat, jista' jgħin biex itaffi r-restrizzjonijiet tar-riżorsi ffaċċjati mid-DĠ DEFIS." Fl-2025, il-Kummissjoni fdat lill-Aġenzija Ewropea għad-Difiża b'ġestjoni indiretta għal aktar minn 40 proġett tal-EDF li jiswew madwar EUR 300 miljun⁹⁵.

Akkontabbiltà u trasparenza

80 Il-Parlament Ewropew jissorvelja l-infiq tal-baġit tal-UE u huwa wieħed mill-koleġislaturi fir-rigward tal-iżvilupp orjentat lejn is-suq tad-difiża (industriji) fil-livell tal-UE, flimkien mal-Kunsill. Madankollu, ma għandu l-ebda setgħa leġislattiva fuq il-PSDK u l-ebda sorveljanza formali għal strumenti barra mill-baġit bħall-EPF. Fir-rapporti annwali tiegħu dwar l-implimentazzjoni tal-PSDK, il-Parlament Ewropew appella ripetutament għal skrutinju parlamentari u akkontabbiltà akbar fir-rigward tal-PSDK u l-għadd dejjem jikber ta' inizjattivi ta' difiża⁹⁶.

81 Il-politika tal-UE dwar id-difiża tinkludi arranġamenti kumplessi ta' akkontabbiltà finanzjarja li jvarjaw skont l-istrument u l-entità involuti (it-[Tabella 1](#)). Il-mandat tal-QEA jappartjeni speċifikament għall-fondi tal-UE. Meta d-difiża tiġi ffinanzjata permezz ta' mezzi alternattivi, japplikaw arranġamenti tal-awditjar differenti.

⁹⁴ Id-Direttorat Ġenerali għall-Mobbiltà u t-Trasport (DĠ MOVE), it-Tassazzjoni u l-Unjoni Doganali (DĠ TAXUD), in-Networks tal-Komunikazzjonijiet u l-Kontenut u t-Teknoloġija (DĠ Connect).

⁹⁵ [Pioneering defence cooperation at EU level: the European Defence Agency](#), il-Ġurnal tal-QEA 02/2025 (pp. 30–34).

⁹⁶ Rapporti annwali tal-[2018](#) u l-[2024](#) dwar l-implimentazzjoni tal-PSDK, il-Parlament Ewropew.

Tabella 1 — Arranġamenti attwali tal-awditjar estern fil-qasam tad-difiża

	II-QEA	II-Kulleġġ tal-awdituri	Awdituri esterni	L-istituzzjonijiet nazzjonali tal-awditjar
■ Iwettaq awditi ■ Majwettaq awditi				
Strumenti ffinanzjati mill-UE (EDF, ASAP, EDIRPA, EDIP, fondi ta' koeżjoni, RRF, FNE, eċċ.) u self garantiti mill-baġit tal-UE (eż. SAFE)	■	■	■	■
EDA	■	■	■	■
Fondi tal-UE mmaniġġjati mill-EDA	■	■	■	■
BEI	■	■	■	■
Operazzjonijiet iffinanzjati jew inkella ggarantiti mill-baġit tal-UE, taħt il-ġestjoni tal-BEI.	■	■	■	■
Il-Faċilità Ewropea għall-Paċi	■	■	■	■
Missjonijiet ċivili tal-PSDK	■	■	■	■
Operazzjonijiet militari tal-PSDK, kostijiet komuni	■	■	■	■
Operazzjonijiet militari tal-PSDK, kostijiet imġarrba mill-Istati Membri individwali	■	■	■	■

ASAP — Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon, **FNE** — Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, **PSDK** — politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni, **EDA** — Aġenzija Ewropea għad-Difiża, **EDF** — Fond Ewropew għad-Difiża, **EDIP** — Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea, **EDIRPA** — Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni, **BEI** — Bank Ewropew tal-Investiment, **RRF** — Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, **SAFE** — Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa

Sors: il-QEA.

82 Il-QEA ma għandhiex mandat tal-awditjar għall-korpi u għall-istrumenti kollha li huma involuti fil-politika tal-UE dwar id-difiża. Dan jillimita l-kapaċità tagħna li nwettqu bis-sħiħ ir-rwol ta' awditur estern tal-UE⁹⁷. Kif innutajna qabel, inqisu li l-QEA jenħtiegħ li tinħatar biex taġixxi bħala l-awditur estern tal-korpi kollha stabbiliti biex jimplimentaw il-politiki tal-UE⁹⁸, inklużi l-istrutturi intergovernattivi li huma ta' rilevanza ewlenija għall-funzjonament tal-UE⁹⁹.

83 Fis-settur tas-sigurtà u tad-difiża, l-aċċess għall-informazzjoni jista' jkun ristrett minn kwistjonijiet ta' kunfidenzjalità, liġijiet nazzjonali dwar is-sigurtà, jew regoli dwar informazzjoni klassifikata. Filwaqt li l-istandards internazzjonali tal-awditjar jagħtu lill-awdituri aċċess sħiħ u mingħajr restrizzjonijiet għall-informazzjoni rilevanti, għad-dokumenti u għall-persunal meħtieġa biex iwettqu dmirjiethom, il-ħidma b'informazzjoni klassifikata jaf tolqot l-eżitu ta' awditu. Meta sehem sinifikanti tal-materjal awditjat jiġi kklassifikat, il-produzzjoni ta' rapport sinifikanti li jkun adattat għall-pubblikazzjoni ssir intrinsikament diffiċli. Filwaqt li t-tħassib dwar is-sigurtà u t-trattament xieraq relatat ta' informazzjoni klassifikata huma ta' importanza kbira fil-qasam tad-difiża, jenħtiegħ li jiġi nnutat li l-kapaċità li ssir referenza għal informazzjoni konkreta jew eżempji illustrattivi tirrestrinġi ċ-ċarezza u tillimita l-preċiżjoni li biha jistgħu jiġu kkomunikati s-sejbiet¹⁰⁰¹⁰¹.

Dan ir-rapport analitiku ġie adottat mill-Awla III, immexxija mis-Sur George-Marius Hyzler, Membru tal-Qorti tal-Awdituri, fil-Lussemburgu fil-laqgħa tagħha tal-14 ta' Lulju 2026.

Għall-Qorti tal-Awdituri

Tony Murphy
Il-President

⁹⁷ Ir-Rapport Analitiku 03/2025: "Opportunitajiet għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027".

⁹⁸ Ir-Rapport Analitiku 09/2019: "Difiża Ewropea".

⁹⁹ Strateġija tal-QEA għall-perjodu 2026-2030.

¹⁰⁰ Hervé-Adrien Metzger — *Setting the Scene*.

¹⁰¹ Lene Schmidt, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Awditjar Daniż, "How to reveal the big picture when almost every detail is classified?", il-Ġurnal tal-QEA 02/2025 (pp. 63–66).

Annessi

Anness I – L-EDIP — sett ta' għodod integrat għad-difiża tal-UE

Għodod regolatorji

- L-Istruttura għall-Programm Ewropew dwar l-Armamenti tipprovdi qafas legali volontarju għall-Istati Membri u għall-pajjiżi assoċjati biex jikkooperaw matul iċ-ċiklu tal-ħajja tat-tagħmir tad-difiża. Dawn l-istrutturi huma entitajiet legali eliġibbli għall-appoġġ tal-EDIP.
- Il-proġetti Ewropej tad-difiża ta' interess komuni huma proġetti industrijali kollaborattivi mfassla biex isaħħu l-EDTIB u jiżviluppaw kapaċitajiet kritiċi.

Għodod finanzjarji

- Il-Fond għall-Aċċellerazzjoni tat-Trasformazzjoni tal-Ktajjen tal-Provvista tad-Difiża għandu l-għan li jnaqqas ir-riskju tal-investiment u jespandi l-kapaċità tal-manifattura, b'mod partikolari għall-SMEs u għall-kumpaniji żgħar b'kapitalizzazzjoni medja.
- L-EDIP jestendi l-loġika tal-ASAP għal segmenti usa' tal-produzzjoni tal-industrija tad-difiża u tal-EDIRPA permezz ta' azzjonijiet ta' akkwist komuni. L-azzjonijiet ta' akkwist komuni għandhom l-għan li jnaqqsu l-frammentazzjoni tas-suq Ewropew tad-difiża u li jżidu l-interoperabbiltà billi jinċentivaw lill-Istati Membri u lin-Norveġja biex jakkwistaw b'mod konġunt prodotti Ewropej tad-difiża. L-EDIP jiddedika EUR 240 miljun biex jappoġġa dawn l-azzjonijiet ta' akkwist komuni¹.
- L-Istrument ta' Appoġġ għall-Ukrajna, b'baġit speċifiku ta' EUR 300 miljun, jikkontribwixxi għall-irkupru, għar-rikostruzzjoni u għall-modernizzazzjoni tal-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ukrena.

¹ [Common procurement actions](#), il-Kummissjoni Ewropea, Marzu 2026.

Għodod ta' koordinazzjoni (governanza, kooperazzjoni u faċilitazzjoni tas-suq)

- Bord għas-sigurtà tal-provvista fil-qasam tad-difiża se jappoġġa l-monitoraġġ tar-riskji tal-provvista u tal-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri, il-Kummissjoni, ir-RGħ/VP u l-EDA.
- Mekkaniżmu Ewropew ta' bejgħ militari huwa mfassal biex jiffaċilita l-akkwist konġunt u jtejjeb id-disponibbiltà tal-prodotti tad-difiża.

Billi jlaqqa' flimkien dawn il-lievi differenti, l-EDIP għandu l-għan li jindirizza l-isfidi sistemiċi li jolqtu l-EDTIB b'mod aktar koerenti u għal żmien twil.

Anness II – Klawżoli ta' preferenza tal-UE fl-istrumenti ta' finanzjament tad-difiża


Strument	Kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà rigward l-istabbiliment u l-kontroll tal-kuntratturi	Orġini tal-komponenti	Kontroll fuq id-disinn u l-proprjetà intellettuali
EDF	FI-UE, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja jew l-Ukrajna Il-parteċipazzjoni ta' entitajiet ikkontrollati minn pajjiżi terzi hija possibbli iżda taħt kundizzjonijiet stretti		Ir-riżultati jridu jkunu ħielsa minn restrizzjonijiet ta' pajjiżi terzi
ASAP	FI-UE, fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein jew fin-Norveġja Il-parteċipazzjoni ta' entitajiet ikkontrollati minn pajjiżi terzi hija possibbli iżda taħt kundizzjonijiet stretti		L-ebda appoġġ għal prodotti soġġetti għal restrizzjonijiet ta' pajjiżi terzi
EDIRPA	FI-UE, fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein jew fin-Norveġja Il-parteċipazzjoni ta' entitajiet ikkontrollati minn pajjiżi terzi hija possibbli iżda taħt kundizzjonijiet stretti	Il-kost tal-komponenti li joriġinaw barra mill-UE, mill-Iżlanda, mil-Liechtenstein jew min-Norveġja se jkun massimu ta' 35 %	
SAFE*	FI-UE, fl-Iżlanda, fil-Liechtenstein, fin-Norveġja jew fl-Ukrajna jew f'pajjiżi terzi abbażi ta' ftehimiet mal-UE Il-parteċipazzjoni ta' entitajiet ikkontrollati minn pajjiżi terzi hija possibbli iżda taħt kundizzjonijiet stretti	Il-kost tal-komponenti li joriġinaw barra mill-UE, mill-Iżlanda, mil-Liechtenstein, min-Norveġja jew mill-Ukrajna se jkun massimu ta' 35 %	Il-libertà tad-disinn hija meħtieġa biss għal prodotti speċifiċi

Strument	Kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà rigward l-istabbiliment u l-kontroll tal-kuntratturi	Orġini tal-komponenti	Kontroll fuq id-disinn u l-proprjetà intellettuali
EDIP	FI-UE, l-Iżlanda, il-Liechtenstein, in-Norveġja jew l-Ukrajna Il-parteċipazzjoni ta' entitajiet ikkontrollati minn pajjiżi terzi hija possibbli iżda taħt kundizzjonijiet stretti	Il-kost tal-komponenti li joriġinaw barra mill-UE, mill-Iżlanda, mil-Liechtenstein, min-Norveġja jew mill-Ukrajna se jkun massimu ta' 35 %	Hija meħtieġa l-libertà tad-disinn (deroga għall-munizzjon u għall-missili sal-2033)
FEK	Artikolu ġenerali dwar il-“preferenza tal-UE” li tippermetti li jiġu stabbiliti l-kundizzjonijiet ta' eliġibbiltà, li jiġu ddefiniti l-limiti tal-orġini tal-UE u li tkun meħtieġa l-libertà tad-disinn għal kull programm ta' ħidma		


* Il-Kanada hija l-ewwel pajjiż mhux tal-UE li ffirmat [ftehim bilaterali](#) mal-UE dwar il-parteċipazzjoni ta' kumpaniji Kanadiżi u prodotti li joriġinaw mill-Kanada fl-akkwist skont l-istrument SAFE.

Sors: il-QEA, abbażi tar-Regolament (UE) 2021/697 (EDF), tar-Regolament (UE) 2023/1525 (ASAP), tar-Regolament (UE) 2023/2418 (EDIRPA), tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2025/1106 (SAFE), tar-Regolament (UE) 2025/2643 (EDIP) u tal-proposta tal-Kummissjoni COM/2025/555 (FEK).

Anness III – Stampa ġenerali tal-finanzjament mill-UE allokat għad-difiża matul il-perjodu 2021–2027 skont il-pajjiż⁽¹⁾ u skont l-istrument ta' finanzjament f'April 2026.



Ammont ta' finanzjament skont l-istrument (f'biljun EUR)⁽⁴⁾:



ASAP — Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon, FNE — Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, EDIRPA — Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni, RRF — Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza, SAFE — Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa

Mappa: Limiti amministrattivi: © EuroGeographics © OpenStreetMap | Kartografija: Eurostat — IMAGE, 04/2026

Il-limiti u l-ismijiet li jidheru u d-deżinjazzjonijiet użati f'din il-mappa ma jimplikawx approvazzjoni jew aċċettazzjoni formali mill-Unjoni Ewropea.

(¹) Il-loġika wara l-programmi tad-difiża tal-UE hija li jiġu pprovduti fondi biex tissaħħaħ l-EDTIB. Il-finanzjament jenħtieġ li ma jitqiesx bħala appoġġ għal Stati Membri individwali.

(²) Għotjiet:

- Il-fondi ASAP, EDIRPA, u FNE huma assenjati lill-Istati Membri skont l-allokazzjoni tal-benefiċjarji.
- Il-fondi taħt il-politika ta' koeżjoni jiġu allokati direttament lill-Istati Membri.

L-EDIRPA u diversi proġetti tal-ASAP jitwettqu minn konsorzji li jinvolvu sħab minn diversi Stati Membri.

Minħabba n-nuqqas ta' *data*, il-finanzjament jidher bħala allokati lill-pajjiż tal-koordinatur u ma jkux il-fatt li parteċipanti oħra tal-proġett jaf jinsabu fi Stati Membri oħra.

(³) Self:

- Id-*data* jaf ma tkunx kompleta billi ftit Stati Membri biss ippubblikaw l-ammont ta' fondi tal-RRF li ġew diretti mill-ġdid għal skopijiet ta' difiża. Dan ifisser li Stati Membri oħra setgħu allokaw fondi għad-difiża, mingħajr ma tali informazzjoni ssir pubblika. Huwa impossibbli wkoll li ssir distinzjoni bejn il-fondi tad-difiża u dawk mhux tad-difiża allokati għal skopijiet b'użu doppju.
- Fil-każ tal-Belġju, iċ-ċifra għall-RRF tinkludi proporzjon żgħir ta' għotjiet (<1 %).
- Iċ-ċifri tal-RRF għall-Polonja u Spanja jinkludu attivitajiet spazjali li jistgħu jingħaddu bħala attivitajiet b'użu doppju u mhux neċessarjament infiq purament għad-difiża.
- Għal SAFE, iċ-ċifri huma bbażati fuq dak li talbu l-Istati Membri, li jaf ikun differenti mill-allokazzjoni definittiva. Għall-Ungerija, il-Kummissjoni għadha ma ffinalizzatx il-proċess ta' valutazzjoni tal-pjan ta' investiment, u għalhekk iċ-ċifra jenħtieġ li titqies bħala massimu.

(⁴) Id-*data* dwar il-finanzjament tal-EDF skont il-pajjiż mhijiex inkluża minħabba li mhijiex disponibbli għall-pubbliku.

Sors: il-QEA, abbażi ta' *data* pprovduta mill-Kummissjoni għal: [ASAP](#), [EDIRPA](#), [FNE](#), [SAFE](#), [politika ta' koeżjoni](#), [RRF](#) u [r-Rapport Speċjali 04/2025](#).

Anness IV – Pubblikazzjonijiet rilevanti tal-QEA

Kodiċi tar-rapport	Titolu
Ir-Rapport Speċjali 18/2018	L-oġettiv prinċipali tal-parti preventiva tal-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir qiegħed jintlaħaq?
Ir-Rapport Analitiku 09/2019	Difiża Ewropea
Ir-Rapport Speċjali 10/2023	L-Azzjoni preparatorja fuq ir-riċerka dwar id-difiża — Xi tagħlimiet ittieħdu, iżda l-valur bħala testbed għal żieda fl-infiq tal-UE fuq id-difiża tnaqqas minħabba restrizzjonijiet ta' żmien u minħabba riżultati limitati.
L-Opinjoni 02/2024	L-opinjoni dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea u qafas ta' miżuri biex il-prodotti tad-difiża żgur ikunu disponibbli u jiġu fornuti b'mod f'waqtu (EDIP)
Ir-Rapport Speċjali 24/2024	Iċ-Ċivil tal-UE — Qafas flessibbli tal-impjieg, li ma jintużax suffiċjentement biex itejjeb il-ġestjoni tal-forza tax-xogħol
Ir-Rapport Analitiku 02/2025	Orientazzjoni lejn il-prestazzjoni, akkontabbiltà u trasparenza — tagħlimiet li għandhom jittieħdu mid-dgħufijiet tal-RRF
Ir-Rapport Analitiku 03/2025	Opportunitajiet għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali ta' wara l-2027
Ir-Rapport Speċjali 04/2025	Il-mobbiltà militari tal-UE — Ma nkisbitx il-ħeffa massima minħabba dgħufijiet fit-tfassil u ostakli tul ir-rotta
L-Opinjoni 01/2026	L-opinjoni rigward il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività ("FEK"), inkluż il-programm speċifiku għal attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni fid-difiża, li jħassar ir-Regolamenti (UE) 2021/522, (UE) 2021/694, (UE) 2021/697, (UE) 2021/783, li jħassar id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti (UE) 2021/696, (UE) 2023/588, u li jemenda r-Regolament (UE) [EDIP]
Ir-Rapport Speċjali 04/2026	Materja prima kritika għat-tranżizzjoni tal-enerġija — Il-politika mhijiex waħda soda
L-Opinjoni 07/2026	L-opinjoni dwar il-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jstabbilixxi l-Ewropa Globali

Abbrevjazzjonijiet

Abbrevjazzjoni	Definizzjoni/spjegazzjoni
ASAP	Att b'Appoġġ għall-Produzzjoni tal-Munizzjon
BEI	Bank Ewropew tal-Investment
DĠ DEFIS	Direttorat Ġenerali għall-Industrija tad-Difiża u l-Ispazju
EDA	Aġenzija Ewropea għad-Difiża
EDF	Fond Ewropew għad-Difiża
EDIP	Programm għall-Industrija tad-Difiża Ewropea
EDIRPA	Att dwar it-Tisħiħ tal-Industrija Ewropea tad-Difiża permezz tal-Akkwist Komuni
EDTIB	Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea
EPF	Faċilità Ewropea għall-Paċi
EPRS	Servizz ta' Riċerka tal-Parlament Ewropew
EUMAM	Missjoni ta' assistenza militari tal-UE
EUMS	Persunal militari tal-UE
FEK	Fond Ewropew għall-Kompetittività
FNE	Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa
FNLC	Finanzjament mhux marbut mal-kostijiet
NATO	Organizzazzjoni tat-Trattat tal-Atlantiku tat-Tramuntana
NEC	Klawżola liberatorja nazzjonali
PDG	Prodott domestiku gross
PESCO	Kooperazzjoni Strutturata Permanenti
PESK	Politika estera u ta' sigurtà komuni
PSDK	Politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni
QFP	Qafas finanzjarju pluriennali
RGħ/VP	Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà / Viċi President tal-Kummissjoni Ewropea
RRF	Faċilità għall-Irkupru u r-Reżiljenza
SAFE	Azzjoni għas-Sigurtà tal-Ewropa
SDP	Sħubija għas-sigurtà u d-difiża
SEAE	Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna

SME	Intrapriża żgħira u medja
TFUE	Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea
TUE	Trattat dwar l-Unjoni Ewropea

Glossarju

Terminu	Definizzjoni/spjegazzjoni
Bażi Industrijali u Teknoloġika tad-Difiża Ewropea	Terminu kollettiv għall-atturi tal-gvern, tal-industrija u tar-riċerka fl-Ewropa li jaħdmu flimkien biex jiżviluppaw, jipproduċu u jżommu tagħmir, teknoloġiji u kapaċitajiet militari.
Finanzjament mhux marbut mal-kostijiet	Mudell ta' implimentazzjoni tal-finanzjament ibbażat fuq l-issodisfar tal-kundizzjonijiet legali jew il-ksib tar-riżultati minflok fuq l-infiq reali.
Ġestjoni indiretta	Metodu ta' implimentazzjoni tal-baġit tal-UE, li permezz tiegħu l-Kummissjoni tinkariga lil entitajiet oħra (bħal pajjiżi mhux tal-UE u organizzazzjonijiet internazzjonali) b'kompiti ta' implimentazzjoni.
Kapaċità tad-difiża	Il-pussess tal-mezzi — bħal persunal, tagħmir, struttura ta' kmand u prontezza operazzjonali — meħtieġa biex jintlaħaq objettiv speċifiku tad-difiża.
Marġni ta' manuvra	Id-differenza bejn ir-riżorsi proprji meħtieġa għall-finanzjament tal-baġit tal-UE u l-limitu massimu tar-riżorsi proprji, li huwa ammont oġġettiv sa fejn il-Kummissjoni hija intitolata titlob fondi mill-Istati Membri biex tissodisfa obbligi addizzjonali bħal dawk li jirriżultaw mid-dejn tal-UE.
Prontezza tad-difiża	Kapaċità ta' antiċipazzjoni tal-kriżijiet tad-difiża, tnejjija u rispons għalihom, inkluż gwerra ta' intensità għolja.

Tim tal-QEA

Dan ir-rapport ġie adottat mill-Awla III — Azzjoni Esterna, sigurtà u ġustizzja, li hija mmexxija minn George-Marius Hyzler, Membru tal-QEA. Il-kompitu kien immexxi mill-Membru tal-QEA, Marek Opiola, appoġġat minn Kinga Wiśniewska-Danek, Kap tal-Uffiċċju Privat u Bernard Witkos, Attaché tal-Uffiċċju Privat, Cyril Messain, Maniġer Prinċipali; Els Brems, Kap tal-Kompitu; Laurent Olivier u Anne Laura Juul, awdituri. Laura McMillan ipprovdiet appoġġ lingwistiku. Dunja Weibel ipprovdiet appoġġ grafiku.

DRITTIJIET TAL-AWTUR

© L-Unjoni Ewropea, 2026

Il-politika tal-Qorti Ewropea tal-Awdituri (QEA) dwar l-użu mill-ġdid hija stabbilita fid-[Deċiżjoni Nru 6–2019 tal-QEA](#) dwar il-politika tad-*data* miftuħa u l-użu mill-ġdid ta' dokumenti.

Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor (eż. f'avviżi individwali dwar id-drittijiet tal-awtur), il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA li jkun proprjetà tal-UE huwa liċenzjat taħt il-[liċenzja Creative Commons Attribution 4.0 International \(CC BY 4.0\)](#). Għalhekk, bħala regola ġenerali, l-użu mill-ġdid huwa awtorizzat dment li jingħata kreditu xieraq u li kwalunkwe bidla tiġi indikata. Dawk li jużaw mill-ġdid il-kontenut tad-dokumenti tal-QEA ma jistgħux ibiddlu s-sinifikat jew il-messaġġ oriġinali. Il-QEA ma għandhiex tkun responsabbli għal kwalunkwe konsegwenza relatata mal-użu mill-ġdid.

Irid jinkiseb permess addizzjonali jekk kontenut speċifiku juri individwi privati identifikabbli, eż. f'ritratti li jkun fihom il-membri tal-persunal tal-QEA, jew jekk ikun jinkludi xogħlijiet ta' parti terza.

Fejn ikun inkiseb tali permess, dan għandu jikkancelła u jissostitwixxi l-permess ġenerali msemmi hawn fuq u għandu jindika b'mod ċar kwalunkwe restrizzjoni dwar l-użu.

Għal użu jew riproduzzjoni ta' kontenut li ma jkunx proprjetà tal-UE, jaf ikun meħtieġ li jintalab il-permess direttament mingħand id-detenturi tad-drittijiet tal-awtur.

Ritratt tal-qoxra: © zef art — stock.adobe.com.

Il-Figura 1 — L-ikoni tfasslu bl-użu ta' riżorsi minn [Flaticon.com](#). © Freepik Company S.L. Id-drittijiet kollha huma riżervati.

Software jew dokumenti li jkunu koperti mid-drittijiet ta' proprjetà industrijali, bħal privattivi, trademarks, disinni rreġistrati, logos u ismijiet, huma esklużi mill-politika tal-QEA dwar l-użu mill-ġdid.

Il-familja ta' siti elettroniċi istituzzjonali tal-Unjoni Ewropea, fid-dominju europa.eu, tipprovdi links għal siti ta' partijiet terzi. Peress li l-QEA ma għandha l-ebda kontroll fuqhom, dawn, inti mħeġġeġ taqra l-politiki tagħhom dwar il-privatezza u dwar id-drittijiet tal-awtur.

Użu tal-logo tal-QEA

Ma jistax isir użu mil-logo tal-QEA mingħajr ma jinkiseb il-kunsens tagħha minn qabel.

HTML	ISBN 978-92-849-8197-7	ISSN 2811-8278	doi:10.2865/4762694	QJ-01-26-040-MT-Q
PDF	ISBN 978-92-849-8198-4	ISSN 2811-8278	doi:10.2865/1889593	QJ-01-26-040-MT-N

KIF TIKKWOTA

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri, ir-[Rapport Analitiku 01/2026](#) "Il-politika tal-UE dwar id-difiża fiċ-ċentru tal-attenzjoni", l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2026.

Il-gwerra ta' aggressjoni mir-Russja kontra l-Ukrajna u d-deterjorament fis-sigurtà globali wasslu għal bidla fil-politika tad-difiża tal-UE. Ikkonfrontati b'ħażniet insuffiċjenti, żminijiet twal meħtieġa għall-manifattura, dipendenza fuq fornituri mhux Ewropej, u ostakli loġistiċi, kemm l-UE kif ukoll l-Istati Membri tagħha żiedu b'mod sinifikanti l-finanzjament tagħhom għad-difiża. Dan jimmarka mument kruċjali għall-bażi teknoloġika u industrijali tad-difiża Ewropea, biex tespandi l-kapaċitajiet tal-produzzjoni, trawwem l-innovazzjoni u ssaħħaħ is-sħubijiet.

Dan ir-rapport analitiku jippreżenta l-iżviluppi fix-xenarju tad-difiża tal-UE mill-2020 sa nofs l-2026, b'fokus partikolari fuq inizjattivi reċenti tal-UE fil-qasam, inklużi strumenti finanzjarji u bidliet regolatorji. Dan jenfasizza l-opportunitajiet, l-isfidi u r-riskji assoċjati mal-ġestjoni finanzjarja, mal-governanza, mat-trasparenza u mal-akkontabbiltà.



QORTI
EWROPEA
TAL-AWDITURI



L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet
tal-Unjoni Ewropea

IL-QORTI EWROPEA TAL-AWDITURI
12, rue Alcide De Gasperi
1615 Luxembourg
LUXEMBOURG

Tel. +352 4398-1

Mistoqsijiet: eca.europa.eu/mt/contact
Sit web: eca.europa.eu
Media soċjali: @EUauditors